Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,425, 19 ta' Mejju, 2009

Taqsima B

A.L. 149 tal-2009

REGOLAMENTI TAL-2009 DWAR IS-SERVIZZI TA' ĠARR TA' PASSIĠĠIERI

Parti I	Preliminari
Parti II	Dħul fil-Kariga ta' Operatur tal-Ġarr Stradali ta' Passiġġieri
Parti III	Permess tax-Xufier
Parti IV	Ir-Reġistru tal-Ġarr Stradali ta' Passiġġieri
Parti V	Vetturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri
Parti VI	Servizzi għall-Ġarr ta' Passiġġieri f'Malta
Parti VII	Servizzi għall-Ġarr Speċjali ta' Passiġġieri
Parti VIII	Servizzi Internazzjonali għall-Ġarr ta' Passiġġieri u Operazzjonijiet tat-Trasport b'Kabotaġġ Miżuri Soċjali Aċċess għas-Suq Internazzjonali Aċċess għas-Suq f'Pajjiżi Oħra Aċċess għas-Suq Nazzjonali minn Trasportaturi mhux Residenti stabbiliti fl-Istati Membri (Kabotaġġ) Spezzjonijiet u Kontravenzjonijiet marbuta mas-Servizzi Internazzjonali ta' Ġarr ta' Passiġġieri u Operazzjonijiet tat-Trasport b'Kabotaġġ
Parti IX	Ksur tal-liġi u Penalitajiet
Parti X	Dispożizzjonijiet Ġenerali u Transitorji

SKEDI

L-Ewwel Skeda	Parti 1 – In-negozju ta' operatur bħala wieħed li jaħdem għal rasu/fi sħubija – Ir-Rapport ta' l-*Accountant* Parti 2 – In-negozju ta' operatur bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata – Ir-Rapport ta' l-*Accountant*
It-Tieni Skeda	Parti 1 – Ċertifikat ta' kompetenza professjonali Parti 2 – Lista ta' suġġetti msemmija fir-regolament 11 – L-organizzazzjoni ta' l-Eżami
It-Tielet Skeda	Taħriġ minimu meħtieġ għall-għoti ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali għal xufiera internazzjonali għall-ġarr ta' passiġġieri
Ir-Raba' Skeda	Liċenzja Komunitarja
Il-Ħames Skeda	Awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari u servizzi regolari speċjali
Is-Sitt Skeda	Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari
Is-Seba' Skeda	Formola tal-vjaġġ għal servizzi okkażjonali Dispożizzjonijiet ġenerali komuni għal servizzi internazzjonali okkażjonali u servizzi okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ Dispożizzjonijiet speċifiċi għal servizzi internazzjonali okkażjonali Dispożizzjonijiet speċifiċi għal servizzi okkażjonali fil-forma ta' kabotaġġ
It-Tmien Skeda	Ċertifikati għal servizzi ta' trasport fuq akkont personali
Id-Disa' Skeda	Penalijiet Amministrattivi
L-Għaxar Skeda	Ħlasijiet
Il-Ħdax-il Skeda	Sinjal bit-Tfal ta' l-Iskola

A.L. 149 tal-2009

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

(KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-artikolu 33 tal-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri.

(2) Il-Parti III (Permessi tax-Xufier) għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

PARTI I
PRELIMINARI

Interpretazzjoni.

2. (1) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti u ġaladarba l-kuntest ma jkunx jirrikjedi mod ieħor:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Kap. 332;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita mill-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"l-Awtorità Marittima ta' Malta" tfisser l-awtorità stabbilita taħt l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull permess mogħti mill-Awtorità jew mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jintitolaw lid-detentur biex iwettaq operat ta' ġarr stradali tal-passiġġieri;

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appell tat-Trasport stabbilit skond l-Artikolu 31 ta' l-Att;

"bus mikxufa" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri miftuħa minn fuq, b'sular wieħed jew b'żewġ sulari.

"ċentru minn fejn joperaw" tfisser l-uffiċini amministrattivi li minnhom l-operatur jikkoordina u jikkontrolla s-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri li hu jipprovdi u li fih jinżammu r-records kollha marbuta ma' dawk is-servizzi;

"*coach*" tfisser vettura għall-ġarr ta' passiġġieri b'iżjed minn tletin sedil għall-passiġġieri;

"Direttiva 2006/22/KE" tfisser Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu, 2006, dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 li jikkonċernaw il-leġislazzjoni soċjali marbuta ma' attivitajiet tal-ġarr stradali u li jħassru d-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE;

"Dritt tad-Dħul" tfisser id-dritt li jrid jitħallas ma' l-applikazzjoni għal liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, stipulata fil-kolonna B tat-tabella inkluża fil-Għaxar skeda ta' dawn ir-regolamenti;

"ftehim kollettiv" tfisser ftehim li jsir bejn il-prinċipal, organizzazzjoni waħda jew aktar ta' prinċipali, u organizzazzjoni waħda jew aktar ta' impjegati rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol skond id-dispożizzjonijiet ta' kull liġi fis-seħħ f'Malta;

"ġarr stradali" tfisser kull vjaġġ magħmul għal kollox jew parzjalment f'toroq miftuħa għall-pubbliku permezz ta' vettura, sew jekk mogħbija jew le, użata għall-ġarr tal-passiġġieri;

"ġimgħa" tfisser il-perjodi bejn is-sigħat ta' 00:00 it-Tnejn u 24.00 tal-Ħadd ta' wara;

"ħaddiem mobbli" tfisser kull ħaddiem li jifforma parti mill-impjegati li jivvjaġġaw, inkluż dawk li qed jitħarrġu u l-apprendisti, li hu ingaġġat ma' xi impriza li topera servizz tat-trasport stradali għall-passiġġieri b'kiri jew kumpens jew fuq akkont tagħha;

"ħin ta' bil-lejl" tfisser perjodu ta' erba' sigħat bejn is-01.00 u l-05.00;

"ħin tas-sewqan" tfisser it-tul ta' ħin ta' attività tas-sewqan meħud awtomatikament jew semi-awtomatikament permezz tat-tagħmir tar-recording kif definit fir-Regolament tal-Vetturi ta' Malta (Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir) jew meħuda manwalment kif meħtieġ bir-regolament 37 tar-regolamenti msemmija;

"ħin tas-sewqan ta' kuljum" tfisser il-ħin tas-sewqan totali akkumulat bejn meta jispiċċa perjodu ta' mistrieħ ta' jum u meta jibda l-perjodu ta' mistrieħ tal-ġurnata li jmiss jew bejn perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa;

"ħin tas-sewqan ta' kull ġimgħa" tfisser il-ħin tas-sewqan totali akkumulat matul ġimgħa;

"ħin tax-xogħol" tfisser il-ħin minn meta jibda sakemm jispiċċa x-xogħol, li matulu l-ħaddiem mobbli jkun fil-post tax-xogħol tiegħu, għad-dispożizzjoni tal-prinċipal u jkun qed jeżerċita l-funzjonijiet jew l-attivitajiet tiegħu, li huma -

(a) il-ħin dedikat għas-sewqan, tagħbija u ħatt, tindif u manutenzjoni teknika, u kull xogħol ieħor marbut mas-sigurtà tal-vettura, il-passiġġieri tagħha jew biex twettaq l-obbligi legali, jew regolatorji marbuta direttament ma' operazzjonijiet speċifiċi tat-trasport li qegħdin isiru, inklużi l-formalitajiet amministrattivi mal-pulizija, uffiċjali tad-dwana u ta' l-immigrazzjoni; u

(b) il-ħinijiet li fihom il-ħaddiem mobbli ma jistax iqatta' l-ħin b'mod liberu u jkun meħtieġ li jibqa' fil-post tax-xogħol, b'ċertu xogħol assoċjat mad-doveri tiegħu, b'mod partikolari f'ħinijiet fejn ikun qed jistenna biex issir tagħbija jew ħatt u li l-ħin li jieħdu ma jkunx magħruf minn qabel, jiġifieri jew qabel it-tluq jew minnufih qabel ma jibda l-perjodu msemmi, jew skond ftehim kollettiv jew kull ftehim ieħor li jkun sar bejn il-prinċipal u l-impjegati mobbli mħaddma minnu f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali;

"impriża" tfisser kull persuna naturali, kull persuna ġuridika, sew jekk qed tagħmel profit jew le, kull assoċjazzjoni jew grupp ta' nies li m'għandhomx personalità

ġuridika, sew jekk jagħmlu profit jew le, jew kull korp uffiċjali, sew jekk ikollu l-personalità ġuridika tiegħu jew ikun dipendenti fuq xi awtorità li għandha dik il-personalità;

"il-kariga ta' l-operatur tal-ġarr stradali tal-passiġġieri" għandha tfisser l-attività ta' kull impriża li topera, permezz ta' vetturi bil-mutur hekk mibnija u mgħammra sabiex ikunu adatti biex iġorru aktar minn disa' persuni – bix-xufier inkluż – u intiżi għal dak il-għan, servizzi ta' ġarr ta' passiggieri għall-pubbliku jew għal kategoriji speċifiċi ta' utenti b'kiri jew kumpens;

"karreġġjata" tfisser dik il-parti tat-triq li fuqha t-traffiku jimxi f'direzzjoni waħda;

"karta tax-xufier (bil-memorja)" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik li ngħatat fir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir). (A.L. 162 ta' l-2003).

"kerrej" tfisser il-passiġġier jew l-organizzatur tat-trasport, kif applikabbli;

"kiri jew kumpens" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri barra minn dawk fuq akkont tiegħu, jiġifieri bi ħlas jew b'kumpens mill-persuna trasportata jew mill-organizzatur tat-trasport, sew jekk dak il-ħlas jew kumpens isir direttament jew indirettament;

"kumpanija" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji;

"liċenza Komunitarja" tfisser liċenza maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stat Membru lil trasportatur stabbilit f'dak l-Istat Membru skond l-Artikolu 3a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 11/98 li jemenda Regolament (KEE) Nru 684/92 dwar ir-regoli komuni għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-coach u l-bus;

"liċenza ta' operatur" tfisser liċenza nazzjonali ta' operatur jew liċenza Komunitarja maħruġa mill-Awtorità lill-impriżi nazzjonali li jawtorizzaw lid-detentur tagħhom biex jagħti servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri;

"liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri" tfisser dokument maħruġ mill-Awtorità li jiċċertifika li l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri hi awtorizzata li ġġorr passiġġieri b'kiri jew kumpens, skond dawn ir-regolamenti;

"mistrieħ" tfisser kull perjodu mhux interrott li matulu s-sewwieq jista' juża' il-ħin tiegħu kif irid;

"mogħdija ta' prijorità għall-vetturi" tfisser parti mill-karreġġjata li tista' tintuża' biss mill-vetturi liċenzjati mill-Awtorità biex iġorru l-passiġġieri b'kiri jew kumpens;

"*motor route bus*" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjata biex topera servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri;

"operatur" tfisser persuna, sew naturali kif ukoll ġuridika, li hi awtorizzata mill-Awtorità biex tagħmel servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri skond dawn ir-regolamenti u tinkludi xufiera li jaħdmu għal rashom;

"operazzjoni tal-ġarr stradali tal-passiġġieri" tfisser l-attività ekonomika li toffri u tagħmel servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri;

"operazzjonijiet tat-trasport fuq akkont tiegħu" tfisser dawk l-operazzjonijiet ta' ġarr tal-passiġġieri magħmula għall-finijiet mhux kummerċjali u mhux bi qligħ minn persuna naturali jew ġuridika, iżda jekk jinlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attività tat-trasport hi biss anċillari għall-attivitajiet globali ta' l-impriża; u

(b) il-vetturi użati huma l-proprjetà ta' dik il-persuna naturali jew ġuridika jew li huma kisbu b'termini deferiti jew kienu soġġetti għal kuntratt ta' kiri fit-tul u jinstaqu minn wieħed mill-impjegati tal-persuna naturali jew ġuridika jew mill-persuna naturali nnifisha;

"operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ" tfisser twettiq f'Malta ta' ġarr stradali ta' passiġġieri b'kiri jew kumpens minn trasportatur mhux residenti f'Malta li għandu awtorizzazzjoni Komunitarja; din l-attività m'għandhiex tkun permanenti, frekwenti, regolari jew kontinwa, m'għandhiex issir sistematikament, għandha ssir f'intervalli konsiderevoli u mhux frekwenti, u l-vettura involuta għandha toħroġ minn Malta talanqas darba fix-xahar;

"pajjiż fejn ikun stabbilit" tfisser dak il-pajjiż li fih it-trasportatur mhux residenti hu stabbilit u reġistrat;

"*parking disc*" tfisser strument tal-kartun kif definit fir-Raba' Skeda tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummerċjali) A.L. 293 ta' l-2001;

"passiġġier" tfisser persuna li tivvjaġġa f'vettura għall-ġarr ta' passiġġieri u li mhix ix-xufier;

"perjodi ta' disponibbiltà" tfisser perjodi oħra barra minn dawk marbuta ma' ħinijiet ta' waqfien temporanju u perjodi ta' mistrieħ li matulhom il-ħaddiem mobbli mhux meħtieġ jibqa' fil-post tax-xogħol tiegħu, iżda jrid ikun disponibbli biex iwieġeb kull sejħa sabiex jibda jew ikompli jsuq jew biex jagħmel xi xogħol ieħor, inkluż dawk il-perjodi li matulhom il-ħaddiem mobbli jkun qed jakkumpanja vettura li tkun qed tinġarr fuq lanċa jew fuq il-ferrovija kif ukoll perjodi ta' stennija fuq il-fruntieri u dawk ikkawżati minn projbizzjonijiet tat-traffiku;

"perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa" tfisser il-perjodu ta' kull ġimgħa li matulu xufier jista' juża' kif irid il-ħin tiegħu u jkopri "perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa" u "perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mnaqqas" kif definit f'dawn ir-regolamenti;

"perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum" tfisser il-perjodu ta' kuljum li matulu xufier jista' jagħmel użu kif irid mill-ħin tiegħu u jkopri "perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum" u "perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum" kif definit f'dawn ir-regolamenti;

"perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum imnaqqas" tfisser kull perjodu ta' mistrieħ ta' mill-anqas disa' sigħat iżda mhux anqas minn ħdax-il siegħa;

"perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mnaqqas" tfisser kull perjodu ta' mistrieħ ta' anqas minn ħamsa u erbgħin siegħa, li, skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 75, jista' jitnaqqas għal minimu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttiva;

"perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum" tfisser kull perjodu ta' mistrieħ ta' mill-anqas ħdax-il siegħa. Inkella, dan il-perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jittieħed f'żewġ perjodi, bl-ewwel wieħed irid ikun perjodu mhux interrott talanqas ta' tliet sigħat u t-tieni perjodu mhux interrott irid ikun talanqas disa' sigħat;

"perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa" tfisser kull perjodu ta' mistrieħ ta' mill-anqas ħamsa u erbgħin siegħa;

"perjodu ta' sewqan" tfisser il-ħin tas-sewqan akkumulat minn meta x-xufier jibda jsuq wara perjodu ta' mistrieħ jew waqfien temporanju sakemm jieħu perjodu ta' mistrieħ jew waqfien temporanju. Il-perjodu ta' sewqan jista' jkun kontinwu jew maqsum;

"persuna maħtura speċifikament" tfisser persuna naturali, innominata lill-Awtorità minn xi operatur jew minn xi applikant għal liċenza ta' operatur, bħala l-persuna li kontinwament u effettivament tmexxi l-operat ta' ġarr stradali tal-passiġġieri;

"permess ta' xufier" tfisser permess mogħti lix-xufier mill-Awtorità skond il-Parti III ta' dawn ir-regolamenti;

"post tax-xogħol" tfisser -

(a) fejn hu sitwat il-post ewlieni tan-negozju ta' l-impriża li għaliha l-persuna li tkun qed tagħmel attivitajiet mobbli ta' ġarr stradali twettaq dmirijietha, flimkien mad-diversi postijiet sussidjarji tan-negozju tagħha, irrispettivament jekk dawn humiex qegħdin fl-istess post bħall-uffiċċju ċentrali jew il-post ewlieni tan-negozju;

(b) il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li tuża' l-persuna li tkun qed tagħmel attivitajiet mobbli tal-ġarr stradali fil-qadi ta' dmirijietha; jew

(ċ) kull post ieħor li fih isiru l-attivitajiet marbuta mal-ġarr.

"prinċipal" tfisser il-persuna li permezz tagħha ħaddiem huwa, jew, fejn ix-xogħol tiegħu spiċċa, kien impjegat, u jinkludi sħubija, kumpanija, soċjetà kooperattiva, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk ġew awtorizzati b'personalità ġuridika sew jekk le;

"residenza normali" tfisser il-post fejn persuna abitwalment tgħix, għal talanqas 185 ġurnata matul kull sena kalendarja, minħabba fir-rabtiet personali jew tax-xogħol,

jew, fil-każ li ma jkollhiex l-ebda rabtiet ta' xogħol, minħabba fir-rabtiet personali li juru li hemm konnessjonijiet stretti bejn dik il-persuna u l-post fejn tkun tgħix; iżda, ir-residenza normali ta' persuna li r-rabtiet tax-xogħol tagħha jkunu f'post differenti minn dak fejn għandha rabtiet personali u li għalhekk tkun tgħix f'postijiet differenti sitwati f'żewġ Stati Membri jew aktar għandha titqies li tkun il-post fejn għandha r-rabtiet personali, sakemm dik il-persuna terġa' tmur hemm regolarment; ma hemmx bżonn ta' din il-kundizzjoni ta' l-aħħar meta l-persuna tgħix fi Stat Membru biex twettaq xi biċċa xogħol għal żmien definit; l-attendenza f'università jew fi skola ma timplikax trasferiment tar-residenza normali;

"rotta pubblika għall-ġarr tal-passiġġieri" tfisser rotta stabbilita mill-Awtorità skond l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku; Kap. 65, u li tifforma parti mis-servizz pubbliku tal-ġarr tal-passiġġieri;

"rotta tat-trasport għat-turisti" tfisser rotta stabbilita u ppubblikata mill-Awtorità u li tista' tintuża' mill-operaturi għall-fini tal-ġarr ta' passiġġieri minn u lejn siti u attrazzjonijiet fit-territorju ta' Malta u li jkun fiha numru ta' postijiet ta' tagħbija u ħatt determinati minn qabel, li l-ebda wieħed minnhom m'għandu jkun inqas minn ħames mitt metru bogħod mill-entratura prinċipali ta' kull bini liċenzjat bħala ħotel skond l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kap. 409 u ma tinkludix rotot pubbliċi għall-ġarr ta' passiġġieri;

"sedil tal-passiġġier" tfisser kull sedil f'vettura għall-ġarr ta' passiġġieri iżda li ma jkunx dak tax-xufier;

"servizzi internazzjonali tal-ġarr tal-passiġġieri" tfisser il-ħidma tas-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri bejn żewġ stati jew aktar.

"servizzi nazzjonali okkażjonali'" tfisser servizzi nazzjonali għall-ġarr tal-passiġġieri li mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' servizzi regolari u/jew servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika ewlenija tagħhom hija li jġorru gruppi ffurmati fuq l-inizjattiva ta' xi klijent jew tat-trasportatur innifsu; is-servizzi m'għandhomx ikunu biss servizzi okkażjonali sempliċement minħabba li huma provduti f'intervalli speċifikati;

"servizzi nazzjonali għall-ġarr tal-passiġġieri" tfisser il-ħidma ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri fit-territorju biss ta' Malta;

"servizzi okkażjonali" fil-kuntest ta' ġarr stradali internazzjonali tal-passiġġieri tfisser servizzi li mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' servizzi regolari, inkluż servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika ewlenija tagħhom hija li jġorru gruppi ffurmati fuq l-inizjattiva ta' xi klijent jew tat-trasportatur innifsu; dawn is-servizzi m'għandhomx jkunu biss servizzi okkażjonali sempliċement minħabba li huma provduti f'intervalli speċifikati;

"servizzi regolari għall-passiġġieri" tfisser servizzi nazzjonali u internazzjonali li jipprovdu għall-ġarr ta' passiġġieri f'intervalli speċifikati fuq rotot speċifikati, bil-passiġġieri jittellgħu u jitniżżlu f'postijiet ta' waqfien determinati minn qabel;

"servizzi regolari speċjali" tfisser servizzi regolari li jipprovdu għall-ġarr ta' kategoriji speċifikati ta' passiġġieri, minbarra passiġġieri oħra, f'intervalli speċifikati fuq rotot speċifikati, passiġġieri li jittellgħu u jiniżżlu f'postijiet ta' waqfien determinati minn qabel. Għandhom jinkludu *inter alia:*

(a) il-ġarr ta' ħaddiema bejn id-dar u l-post tax-xogħol;

(b) il-ġarr tat-tfal tal-iskola u studenti minn u lejn l-istituzzjonijiet edukattivi;

(c) il-ġarr ta' suldati u l-familji tagħhom bejn id-dar tagħhom u l-inħawi tal-kwartieri tagħhom;

"servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri" tfisser il-ġarr ta' passiġġieri bl-użu ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens;

"servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri" tfisser is-servizzi ta' trasport regolari għall-passiġġieri ta' interess ġenerali ekonomiku mogħtija lill-pubbliku b'mod mhux diskriminatorju u kontinwu;

"sewqan m'oħrajn" tfisser is-sitwazzjoni fejn, matul kull perjodu ta' sewqan bejn żewġ perjodi ta' mistrieħ konsekuttivi

ta' kuljum, jew bejn perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum u perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa, ikun hemm talanqas żewġ xufiera fil-vettura biex isuqu. Għall-ewwel siegħa tas-sewqan m'oħrajn il-preżenza ta' xufier jew xufiera oħra mhix obbligatorja iżda hi obbligatorja għall-bqija tal-perjodu;

"sħubija" tinkludi assoċjazzjoni, mhux reġistrata skond l-Att dwar il-Kumpaniji, bejn żewġ persuni jew aktar;

"sistemi ta' komunikazzjoni bejn żewġ naħat" tfisser kull apparat mingħajr wajers li hu disinjat jew adattat għall-fini li jitrażmetti u jirċievi l-messaġġi mitkellma;

"soċjetà kooperattiva" tfisser soċjetà kooperattiva reġistrata jew proviżorjament reġistrata skond l-Att dwar is-Soċjetajiet Kooperattivi;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"tagħmir għar-recording" jew "takografu" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir);

"talba għall-kiri" tfisser li ssuq fit-triq li tfittex jew li tkun lesta għall-kiri;

"trasportatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li hi awtorizzata bil-liġijiet ta' xi Stat Membru biex tipparteċipa fil-ġarr stradali tal-passiġġieri permezz ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens fuq akkont personali tiegħu;

"triq" tfisser kull triq, sqaq, pjazza, jew wesgħa pubblika oħra;

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali, arterjali, distributorji, li jagħtu aċċess kif ukoll toroq lokali ta' aċċess kif definit fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (A.L. 191 ta' l-2002), jew toroq komparabbli fi stati oħra;

"uffiċjal awtorizzat li jispezzjona" tfisser uffiċjal tal-Pulizija, gwardjan lokali, jew uffiċjal ta' l-Awtorità;

"uffiċjal li jinforza" tfisser uffiċjal maħtur mill-Awtorità skond is-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att;

"Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti tinkludi n-Norveġja, l-Iżlanda u Liechtenstein;

"valida" għandha tiġi assoċjata ma' kull liċenza leġittima kif maħruġa mill-awtorità kompetenti, u, li tfisser li dik il-liċenza hi fis-seħħ u kurrenti għall-perjodu indikat fuq il-liċenza minħabba li d-detentur tal-liċenza ssodisfa u għadu jissodisfa għal kollox l-obbligi skond dawn ir-regolamenti;

"vann bit-*tail-lift*" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li, meta ġiet fabbrikata, kellha iffittjat b'mod permanenti tagħmir mekkaniku maħsub biex jgħin fl-irfigħ ta' passiġġieri fuq siġġu tar-roti.

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li taħdem waħedha li tivvjaġġa fit-triq, barra minn vettura li taħdem b'mod permanenti fuq il-linji, u normalment użata għall-ġarr ta' passiġġieri li l-veloċità massima disinjata tagħha teċċedi l-45 kilometru fis-siegħa;

"vettura bil-mutur M2" tfisser vettura bil-mutur li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha piż massimu ta' mhux aktar minn 5 tunnellati;

"vettura bil-mutur M3" tfisser vettura bil-mutur li fiha aktar minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li għandha piż li jaqbeż il-5 tunnellati;

"vettura ġdida bil-mutur" tfisser vettura bil-mutur li ma jkunux għaddew aktar minn sitt xhur minn fuqha mid-data tal-fabbrikazzjoni tagħha u li m'għamlitx aktar minn sitt elef kilometru;

"vettura għall-ġarr tal-passiġġieri" tfisser vettura bil-mutur M2 jew M3 li, minħabba kif inhi mibnija u mgħammra, hi tajba għall-ġarr ta' passiġġieri, u hi intiża għal dak il-għan;

"vettura *self-drive*" tfisser vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li hi liċenzjata u/jew reġistrata biex tinkera bil-għan li tinstaq mill-kerrej;

"vintage bus" tfisser vettura għall-ġarr ta' passiġġieri li ġiet manifatturata u reġistrata f'Malta bħala motor route bus qabel l-1 ta' Jannar, 1960 u kienet reġistrata hekk f'Malta

għal talanqas ħames snin konsekuttivi qabel ma dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ, u li l-kompartiment tal-magna tagħha qiegħed quddiem il-windscreen tagħha;

"waqfien temporanju" tfisser kull perjodu li matulu xufier ma jkunx jista' jsuq jew jagħmel xi xogħol ieħor u li hu użat esklussivament biex jerġa' jieħu saħħtu;

"xogħol ieħor" tfisser l-attivitajiet kollha kif definiti fid-definizzjoni "ħinijiet tax-xogħol" minbarra sewqan, inkluż kull xogħol għall-istess prinċipal jew għal xi ieħor, fis-settur tat-trasport jew barra minnu;

"xogħol ta' bil-lejl" għandha tfisser kull xogħol magħmul matul il-lejl;

"xufier" tfisser kull persuna li ssuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens anki għal perjodu qasir, jew li tinġarr fil-vettura bħala parti mid-doveri tagħha sabiex tkun lesta għas-sewqan jekk ikun meħtieġ;

"xufier li jaħdem għal rasu" tfisser kull persuna li x-xogħol ewlieni tagħha huwa l-ġarr stradali ta' passiġġieri b'kiri jew kumpens skond it-tifsira li hemm fil-leġislazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' liċenza tal-Komunità jew kull awtorizzazzjoni professjonali oħra biex twettaq it-trasport imsemmi hawn qabel, li tkun intitolata taħdem għaliha nnifsha u li ma jkollhiex irbit ma' prinċipal b'kuntratt ta' impjieg jew b'xi tip ta' relazzjoni ġerarika oħra ta' xogħol, li hi libera li torganizza l-attivitajiet tax-xogħol rilevanti, li d-dħul tagħha jkun jiddependi direttament mill-qligħ li tagħmel u li jkollha l-libertà, individwalment jew permezz ta' kooperazzjoni bejn xufiera li jaħdmu għal rashom, li jkollha relazzjonijiet kummerċjali ma' diversi klijenti;

Ir-Regolamenti preżenti għandhom jiġu aċċettati.

3. (1) Meta tkun qed tqis applikazzjoni għal:

(a) liċenza ta' operatur,

(b) permess tax-xufier, jew

(ċ) liċenza ta' vettura għall-ġarr ta' passiġġieri

l-Awtorità għandha tippromwovi l-politika ta' suq miftuħ u m'għandhiex tagħmel restrizzjoni fuq il-ħruġ ta' dawk il-liċenzi u permessi minħabba li fil-preżent hemm ħafna liċenzi u/jew permessi jew għal kull raġuni oħra li mhix stipulata f'dawn ir-regolamenti.

(2) Jekk hemm xi ħaġa f'dawn ir-regolamenti li hi inkonsistenti jew ma taqbilx ma' xi regolamenti maħruġa taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u/jew l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta r-regolamenti preżenti għandhom jiġu aċċettati, u minħabba dawn l-inkonsistenzi jew in-nuqqas ta' qbil dawk ir-regolamenti l-oħra għandhom jitqiesu nulli u vojta.

Att dwar Segretezza Professjonali.

Kap. 377.

4. Kull informazzjoni mogħtija lill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti għandha tkun koperta bl-Att dwar Segretezza Professjonali, dejjem jekk l-Awtorità tkun tista' tikkomunika informazzjoni lill-awtoritajiet oħra kompetenti fi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għall-fini ta' konformità ta' l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE dwar id-dħul fil-kariga ta' operatur stradali tal-merkanzija u operatur stradali tal-ġarr ta' passiġġieri u l-għarfien reċiproku tad-diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali intiżi biex jgħinu lil dawn l-operaturi jkollhom dritt li jistabbilixxu ruħhom fis-servizzi tat-trasport nazzjonali u operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 11/98 li jemenda Regolament (KEE) Nru 684/92 dwar ir-regoli komuni għall-ġarr internazzjonali ta' passiġġieri bil-coach u bil-bus.

PARTI II

DĦUL FIL-KARIGA TA' OPERATUR STRADALI TAL-ĠARR TAL-PASSIĠĠIERI

Liċenza ta' operatur.

5. (1) Ħadd m'għandu jagħmel servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens sakemm ma jkunx awtorizzat kif imiss skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità għandha toħroġ liċenza ta' operatur lil kull impriża li tipproponi li tagħmel servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri u tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u rekwiżiti oħra li l-Awtorità tistabbilixxi.

(3) Il-liċenza ta' operatur għandha tinħareġ f'isem persuna naturali awtorizzata biex tirrappreżenta l-impriża u mhix trasferibbli.

(4) Ġaladarba tinħareġ, il-liċenza ta' operatur għandha tibqa' valida sakemm u qabel ma tkun revokata, sospiża jew irtirata, dejjem jekk l-Operatur jissottometti, fi żmien tliet xhur qabel il-ħames anniversarju mill-ħruġ ta' l-istess liċenza, u kull ħames snin minn dik id-data 'l quddiem, dikjarazzjoni li turi konformità mar-rekwiżiti tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti attestata bid-dokumentazzjoni aġġornata stipulata fil-paragrafi (a),(c) u (h) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti flimkien mal-ħlas applikabbli stipulat fil-Parti 1 ta' l-Għaxar Skeda.

(5) L-Awtorità għandha toħroġ -

(a) liċenza ta' operatur nazzjonali lil kull impriża li għandha ċentru minn fejn jopera f'Malta li, waqt l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri, beħsiebha ġġorr passiġġieri f'Malta biss:

(b) liċenza Komunitarja lil kull impriża li għandha ċentru minn fejn topera f'Malta li, waqt l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri, beħsiebha ġġorr passiġġieri barra minn Malta iżda fl-Unjoni Ewropea;

Sakemm il-liċenza Komunitarja tkun tkopri is-servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri fl-Unjoni Ewropea inkluż f'Malta.

(6) Is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament m'għandux japplika għall-operazzjonijiet ta' trasport b'kabotaġġ fit-territorju ta' Malta.

(7) Il-Ministru jista', permezz ta' ordni fil-Gazzetta tal-Gvern, jeżenta impriża jew gruppi ta' impriżi milli jagħmlu operazzjonijiet ta' ġarr bħala attività anċillari biss, mill-applikazzjoni tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

Rekwiżiti għal liċenza ta' operatur.

6. (1) Applikant li japplika għal-liċenza ta' operatur għandu, qabel ma jingħata l-liċenza, jissodisfa lill-Awtorità li hu -

(a) ta' reputazzjoni u kondotta tajba,

(b) għandu pożizzjoni finanzjarja adatta, u

(c) jissodisfa l-kundizzjoni dwar il-kompetenza professjonali.

(2) Meta l-applikant ikun persuna naturali u ma jistax

jissodisfa r-rekwiżit tas-subregolament (1)(ċ), iżda jissodisfa s-subregolament (1)(a) u (b), l-Awtorità tista' minkejja kollox toħroġ liċenza ta' operatur iżda jekk hu jindika lill-Awtorità persuna maħtura speċifikament li tissodisfa s-subregolament (1)(a) u (ċ).

(3) Kull min japplika għal-liċenza ta' operatur u mhux persuna naturali għandu jindika persuna maħtura speċifikament.

(4) (a) Meta l-applikant tal-liċenza ta' operatur ikun kumpanija b'responsabbiltà limitata, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(a) iridu jiġu sodisfatti mid-diretturi kollha tal-kumpanija kif ukoll mill-persuna maħtura speċifikament, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(b) iridu jiġu sodisfatti mill-kumpanija u r-rekwiżiti tas-subregolament (1)(c) iridu jiġu sodisfatti mill-persuna maħtura speċifikament.

(b) Meta l-applikant tal-liċenza ta' operatur ikun sħubija en commandite jew sħubija en nom collectif kif definit fl-Att dwar il-Kumpanniji Kap. 386, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(a) iridu jiġu sodisfatti kollha mill-imsieħba kollha kif ukoll mill-persuna maħtura speċifikament, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(b) iridu jiġu sodisfatti mis-sħubija u r-rekwiżiti tas-subregolament (1)(ċ) iridu jiġu sodisfatti mill-persuna maħtura speċifikament.

(ċ) Meta l-applikant tal-liċenza ta' operatur ikun persuna ġuridika barra minn dawk identifikati fil-paragrafi (i) u (ii) t'hawn fuq, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(a) iridu jiġu sodisfatti mill-persuni kollha li qed jirrappreżentaw b'mod ġuridiku u, jew ġudizzjali lil dik il-persuna ġuridika kif ukoll lill-persuna maħtura speċifikament, ir-rekwiżiti tas-subregolament (1)(b) iridu jiġu sodisfatti mill-persuna ġuridika nnifisha u r-rekwiżiti tas-subregolament (1)(ċ) iridu jiġu sodisfatti mill-persuna maħtura speċifikament.

(5) Meta persuna maħtura speċifikament, ma tibqax tmexxi b'mod kontinwu u effettiv l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri, l-operatur għandu fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta jiġri dan jgħarraf lill-Awtorità bil-miktub u l-Awtorità għandha tagħti perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur li fih l-operatur għandu jindika persuna oħra maħtura speċifikament, li għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1)(a) u (c).

(6) Meta, persuna, barra dik maħtura speċifikament, li tkun meħtieġa tissodisfa r-rekwiżit stipulat fis-subregolament (1) (a), ma tibqax tokkupa l-kariga tagħha fl-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri, l-operatur għandu fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mindu jiġri dan jgħarraf bil-kitba lill-Awtorità. Kull ħatra ġdida għat-tali kariga għandha bl-istess mod tiġi mgħarrfa lill-Awtorità u għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tagħha, liema approvazzjoni m'għandhiex tingħata sakemm il-persuni hekk maħtura ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni għal-liċenza ta' operatur.

7. (1) L-applikazzjoni għall-għoti ta' liċenza ta' operatur għandha ssir lill-Awtorità u għandha tkun fil-forma u jkun fiha tali dettalji kif titlob l-Awtorità u għandha tiġi sottomessa flimkien ma':

(a) ċertifikat maħruġ mill-Pulizija li juri kull reat kriminali u, jew kontravenzjonijiet li l-applikant u/jew il-persuni msemmija fis-subregolament (2) u (4) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti setgħu kienu nstabu ħatja tagħhom flimkien mal-piena għalihom;

Iżda jekk l-applikant u/jew il-persuni msemmija fis-subregolament (2) u (4) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux normalment residenti f'Malta biżżejjed jekk juru estratt mir-record ġudizzjali tagħhom jew, inkella, dokument ekwivalenti maħruġ mill-awtorità kompetenti ġudizzjali jew amministrattiva tal-pajjiż ta' l-oriġini jew il-pajjiż li minnu jkunu ġejjin dawk il-persuni:

Iżda wkoll fejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew il-pajjiż li minnu ġejjin dawk il-persuni ma joħroġx tali dokument, id-dokument imsemmi jista' jiġi sostitwit b'dikjarazzjoni permezz ta' ġurament jew bi stqarrija magħmula mill-persuna konċernata quddiem l-awtorità kompetenti ġudizzjali jew amministrattiva jew, fejn jixraq, quddiem nutar fil-pajjiż ta' l-oriġini ta' dik il-persuna minn fejn ġejjin. Dik l-awtorità jew nutar għandhom joħorġu ċertifikat li jafferma l-awtentiċità tad-dikjarazzjoni b'ġurament jew stqarrija;

(b) ċertifikat ta' kompetenza mogħti lill-persuna maħtura speċifikament skond ir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) dikjarazzjoni iffirmata minn awditur jew accountant fil-forċa stipulata fl-Ewwel Skeda;

(d) id-dettalji tan-numru u l-klassi jew deskrizzjoni ta' kull vettura bil-mutur għall-ġarr tal-passiġġieri lesta biex tintuża' fin-negozju tal-ġarr stradali tal-passiġġieri rilevanti jew dak in-negozju propost. Il-vetturi msemmija għandhom jiġu reġistrati ma' l-Awtorità;

(e) meta l-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri li jridu jkunu koperti bil-liċenza ta' operaturi ma jkunux reġistrati f'isem l-applikant, irid ikun hemm dikjarazzjoni ffirmata missid reġistrat biex l-imsemmija vetturi jkunu jistgħu joperaw skond dik il-liċenza partikolari ta' l-operatur

(f) dikjarazzjoni bid-dettalji taċ-Ċentru minn fejn topera, u ta' l-ispazju magħluq li għandu l-applikant biex iżomm f'garaxx il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri msemmija fil-paragrafu (c) hawn qabel;

(g) id-dettalji tax-xufiera, jekk jeżistu, impjegati jew li jridu jiġu impjegati mill-operatur;

(h) id-dettalji tar-riżorsi finanzjarji disponibbli fir-rigward ta' kull negozju rilevanti ta' dan it-tip.

(2) Id-dokumenti preskritti fil-paragrafi (a), (c), (e) tas-subregolament (1) m'għandhomx jiġu aċċettati jekk jintwerew aktar tard minn tliet xhur mid-data tal-ħruġ.

(3) L-Awtorità tista' titlob lill-applikant biex id-dettalji kollha li jkun ta b'rabta ma' l-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) jagħmilhom fi stqarrija formali jew jieħu affidavit b'ġurament bil-mod li tispeċifika l-Awtorità.

(4) L-applikazzjoni għall-għoti ta' liċenza ta' operatur għandha ssir flimkien mal-ħlas stipulat fil-Parti 1, Enumerat (ii) ta' l-Għaxar Skeda.

Deċiżjoni dwar l-għoti ta' liċenza.

8. (1) L-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza ta' operatur għandha tiġi pproċessata u deċiża mill-Awtorità.

(2) F'każ li tingħata l-liċenza ta' operatur, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-operatur b'vera kopja attestata tal-liċenza ta' operatur għal kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri koperta b'dik

il-liċenza. Dik il-vera kopja għandha tinżamm f'kull ħin fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri msemmija u x-xufier għandu juriha meta tintalab minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

(3) Id-deċiżjoni li tieħu l-Awtorità għandha tintbagħat lill-applikant bil-posta reġistrata fl-indirizz speċifikat fl-applikazzjoni.

(4) Meta l-Awtorità tirrifjuta applikazzjoni, għandha tispeċifika r-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

(5) Meta l-applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jappella quddiem il-Bord minn dik id-deċiżjoni skond l-Att, fi żmien tletin ġurnata minn meta din id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lilu skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Reputazzjoni tajba.

9. Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba għall-fini tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fi: Titolu I tal-Parti II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204, B, 204C, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248C, 248D tal-Kodiċi Kriminali; jew

(b) tkun ingħatat sentenza fl-aħħar għaxar snin għax tkun ikkomettiet reat li jġorr miegħu piena ta' żmien priġunerija ta', jew li jeċċedi, xahar jew multa ta' mill-anqas ħames mitt Euro (500.00), jew ta' żewġ reati jew aktar marbuta ma' vjolenza jew kienet qed tiskonta dik is-sentenza jew parti minnha f'dak il-perjodu ta' għaxar snin; jew

(ċ) instabet ħatja, jew skontat sentenza jew parti minnha, fl-aħħar ħames snin, fuq xi reat skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku Kap. 65 u, jew kull regolament magħmul taħtha u/jew l-Att dwar l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta u, jew kull regolament magħmul taħtha; jew

(d) ġiet iddikjarata li mhix tajba biex taħdem bħala operatur skond ir-regoli fis-seħħ; iżda l-operatur għandu jitqies li ġie dikjarat mhux tajjeb għall-kariga ta' operatur jekk:

(i) fis-sentejn ta' qabel, kienu irtirawlu liċenza li nħarġitlu għall-għoti ta' servizzi marbuta mal-ġarr stradali tal-passiġġieri f'Malta jew f'kull Stat ieħor, kemm b'ordni tal-qorti jew ta' xi korp ieħor li jaġġudika kif ukoll mill-awtorità kompetenti; jew

(ii) kien, matul is-sentejn ta' qabel, direttur, sieħeb, persuna maħtura speċifikament u, jew persuna li qed tirrappreżenta b'mod ġuridiku u, jew ġudizzjali persuna jew aktar awtorizzati liema liċenza tiegħu ġiet irtirata waqt l-impjieg tiegħu, skond dawn ir-regolamenti u/jew skond ir-Regolamenti ta' Vetturi Żgħar għall-Ġarr tal-Passiġġieri u Taxis matul il-perjodu tal-ħatriet tiegħu jew

(iii) kien instab ħati ta' ksur ta' liġi serju jew imtenni kontra regoli fis-seħħ li jikkonċernaw:

(a) il-paga u l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-professjoni jew;

(b) it-trasport stradali, b'mod partikolari r-regoli marbuta mas-sewqan, il-piżijiet u d-dimensjonijiet u l-kapaċità tal-vetturi, is-sigurtà fit-triq jew tal-vetturi jew ħsara lill-ambjent u regoli oħra li jikkonċernaw ir-responsabbiltà professjonali; jew

(e) instab ħati ta' xi ksur ta' liġi parallel skond xi liġi ta' xi pajjiż jew territorju barra minn Malta;

Għall-fini ta' din id-dispożizzjoni "persuna awtorizzata" tfisser persuna li ngħatat awtorizzazzjoni skond ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti u, jew regolament 3 tar-Regolamenti dwar it-Taxis u, jew regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi Żgħar għall-Ġarr tal-Passiġġieri:

Iżda fejn l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta nstab ħati kif imsemmi fil-paragrafi (b) u (c) il-perjodi msemmija għandhom ikunu sentejn u sena rispettivament.

Pożizzjoni Finanzjarja adatta.

10. (1) Pożizzjoni finanzjarja adatta ta' l-impriża għall-fini tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għandha tinkludi li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex ikun żgurat li l-operazzjonijiet ta'

ġarr stradali ta' passiġġieri jiġu mnedija u amministrati tajjeb minn hemm 'l quddiem.

(2) Bil-għan li tiġi evalwata l-pożizzjoni finanzjarja, l-Awtorità għandha tqis:

(a) ir-rendikonti annwali ta' l-applikant, jekk ikollu;

(b) il-fondi disponibbli, inkluż flus il-bank, owverdraft u faċilitajiet ta' self;

(ċ) l-assi kollha, inkluż il-proprjetà, li huma disponibbli biex joffru garanzija sħiħa jew parzjali għall-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri;

(d) l-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż tax-xiri jew il-ħlas inizjali għall-vetturi, bini, impjant u apparat, u flus biex jaħdem.

(3) L-applikant ta', jew id-detentur ta' awtorizzazzjoni m'għandux jitqies li għandu pożizzjoni finanzjarja adatta jekk hu ma jkollux kapital u riservi ta' ammont ugwali għal jew li jeċċedi t-total ta':

(i) disat elef Euro (€9,000) għall-ewwel jew l-unika vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li hi awtorizzata bil-liċenza; u

(ii) ħamest elef Euro (€5,000) għal kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri addizzjonali li trid tiġi awtorizzata.

(4) L-Awtorità tista' taċċetta bħala evidenza tal-pożizzjoni finanzjarja konferma jew assigurazzjoni mill-bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra li hi kwalifikata kif imiss. Dik il-konferma tista' tingħata forma ta' garanzija mill-bank, billi jagħmel tajjeb jew jagħti sigurtà, jew b'kull mezz ieħor li hu aċċettabbli għall-Awtorità.

Kompetenza professjonali.

11. (1) Il-kundizzjonijiet marbuta mal-kompetenza professjonali għandhom jiġu sodisfatti jekk il-persuna maħtura speċifikament turi li għandha il-ħiliet meħtieġa billi tgħaddi minn eżami bil-kitba u/jew orali bbażat fuq is-suġġetti elenkati fil-Parti 2 tat-Tieni Skeda, li jikkorrispondu għal-livell ta' taħriġ għal jew l-operat nazzjonali jew internazzjonali skond il-każ, organizzati mill-Awtorità jew minn korp maħtur għal dan il-għan mill-Awtorità

u li hi d-detentur ta' ċertifikat għal dan il-għan maħruġ mill-Awtorità jew mill-korp maħtur għal dan il-għan mill-Awtorità. Tali ċertifikat, fil-format indikat fil-Parti 1 tat-Tieni Skeda għandu jservi bħala prova ta' kompetenza professjonali:

Iżda l-livell ta' taħriġ għal-liċenza ta' operatur nazzjonali skond is-subregolament (5) tar-regolament 5 m'għandux ikopri suġġetti marbuta ma' trasport internazzjonali. Jekk il-każ ikun hekk, iċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali għandu juri li d-detentur hu kwalifikat biex imexxi b'mod effettiv u kontinwu l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali nazzjonali.

(2) L-Awtorità tista' teżenta mill-eżami, jew minn parti minnu, dawk l-applikanti li jġibu prova li għandhom mill-anqas ħames snin esperjenza prattika fit-tmexxija ta' l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri, dejjem jekk dawk l-applikanti jgħaddu minn test multiple-choice ibbażat fuq is-suġġetti elenkati fil-Parti 2 tat-Tieni Skeda, organizzat mill-Awtorità jew minn korp maħtur għal dan il-għan mill-Awtorità.

(3) L-Awtorità tista' teżenta mill-eżami, jew minn parti minnu, dawk id-detenturi li għandhom diplomi għolja jew diplomi tekniċi ekwivalenti, li juru għarfien profond tas-suġġetti koperti fis-sillabi rilevanti nazzjonali u internazzjonali kif ukoll id-detenturi ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ minn Stati Membri oħra.

Ċentru minn fejn jopera.

12. L-operatur għandu jibqa' jżomm *records* aġġornati u dettaljati marbuta ma' l-aspetti kollha ta' l-operazzjonijiet ta' ġarr ta' passiġġieri, inkluż, iżda mhux biss, *records* tar-riżervar kollu, id-dokumenti statutarji u l-kotba ta' l-*accounts* u ta' kuntratti ta' xogħol fiċ-ċentru fejn jopera.

Tibdil fin-numru ta' vetturi fuq il-liċenza ta' l-operatur.

13. In-numru ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri awtorizzat fuq il-liċenza ta' l-operatur jista jvarja kull ħin b'talba bil-miktub lill-Awtorità, u ġaladarba l-Awtorità tkun sodisfatta li l-operatur għadu jilħaq ir-rekwiżit tal-pożizzjoni finanzjarja, hi għandha tibdel il-liċenza ta' l-operatur skond il-bżonn.

Spezzjonijiet dwar konformità.

14. (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandu jkollha l-poter li tagħmel spezzjonijiet bl-addoċċ, meta jidhirlha hi, sabiex tivverifika li l-operatur għadu jħares ir-rekwiżiti tas-subregolament (1) tar-regolament 6 iżda l-Awtorità għandha tagħmel dawk l-ispezzjonijiet ta' konformità talanqas darba kull ħames snin.

Għal dan il-għan, l-Awtorità tista' titlob lill-operatur jew lill-uffiċjal jew l-impjegat ta' l-istess biex jidher quddiemha, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'tali ħin u post kif tispeċifika hi, biex iwieġeb għall-mistoqsijiet u jagħti informazzjoni u dokumentazzjoni marbuta ma' l-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' l-operatur. L-Awtorità tista' tieħu u żżomm kopji tad-dokumenti kollha mogħtija jew provduti skond dan ir-regolament. L-istqarrija magħmula u d-dokumentazzjoni mogħtija skond dan ir-regolament tista' tintuża' bħala evidenza kontra l-operatur kif ukoll kontra kull persuna li għaliha qed jirreferu. Dawn il-persuni għandhom immedjatament jikkonformaw, u żgur mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara, ma' kull talba jew ordni li tagħti l-Awtorità skond dan ir-regolament.

(2) Il-liċenza ta' operatur tista' tiġi sospiża jew irtirata minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) meta d-detentur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) tar-regolament 6; jew

(b) meta d-detentur ikun ta informazzjoni żbaljata lill-Awtorità b'rabta mal-ħruġ tal-liċenza jew skond is-subregolament (4) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(c) meta d-detentur ikun kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-liċenza u ma jkunx patta għal dak il-ksur minkejja li jkun ingħata twissija bil-miktub tal-ksur u żmien raġonevoli biex jirranġa.

(3) Dik is-sospensjoni jew revoka għandha tiġi affettwata mill-Awtorità b'ordni tal-Qorti tal-Ġuridizzjoni Kriminali jew b'ordni tal-Bord li għandu jagħti ordni li tqis il-gravità tal-ksur; iżda l-proċeduri quddiem il-Bord għal sospensjoni jew revokar tal-liċenza jistgħu jinbdew biss b'applikazzjoni mill-Awtorità. Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun finali; iżda għandu jkun hemm ċans ta' appell minnha fuq punt tal-liġi;

Iżda wkoll jekk, b'eċċezzjoni għal meta l-liċenza tkun ġiet revokata, il-liċenza ma jkollhiex effett aktar sakemm l-Awtorità ma tneħħix is-sospensjoni kif ordnat mill-Bord jew mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali, kif jitlob il-każ.

(4) Meta l-ksur tar-regoli li jirregolaw il-ġarr stradali

tal-passiġġieri jkun sar mill-operatur li normalment mhuwiex residenti f'Malta, u dak il-ksur jista' jwassal għall-irtirar tal-liċenza tal-operatur, l-Awtorità għandha tagħti lill-Istat Membru li fih hu stabbilit l-operatur l-informazzjoni kollha li għandha rigward dak il-ksur u l-penalitajiet imposti.

(5) Fejn ir-rekwiżit tal-pożizzjoni finanzjarja ma jkunx sodisfatt fil-ħin ta' l-ispezzjoni, l-Awtorità tista', fejn iċ-ċirkostanzi ekonomiċi l-oħra ta' l-operatur jagħtu wieħed x'jifhem li r-rekwiżiti tal-pożizzjoni finanzjarja se jintlaħqu b'mod sostenibbli fil-futur immedjat skond ma jirriżulta minn pjan finanzjarju, tagħti avviż ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Dħul u tfittxija fiċ-Ċentru minn fejn Jopera.

15. (1) Kull uffiċjal li jinforza ta' l-Awtorità, fuq direzzjoni ta' l-Awtorità, jista' jidħol fiċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur bil-għan li jikseb informazzjoni jew dokumenti li jindikaw jekk l-operatur hux qiegħed jikkonforma mal-obbligi tagħha skond dawn ir-regolamenti.

(2) L-ebda uffiċjal li jinforza ta' l-Awtorità ma jista' jidħol fiċ-ċentru minn fejn jopera wara s-7 ta' filgħaxija u qabel is-7 ta' filgħodu ta' l-għada, sakemm ma jagħtix il-każ li d-dewmien jista' jwassal għal telf ta' informazzjoni meħtieġa u t-tfittxija hi awtorizzata uffiċjalment mill-Awtorità biex issir fil-ħinijiet mogħtija.

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni meħuda skond dan ir-regolament, l-Awtorità tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan il-għan jeżerċita dawk il-poteri mogħtija lilu bil-liġi għall-ħarsien tal-ksur tal-liġi u għall-infurzar tal-liġi u l-ordni.

(4) L-Awtorità tista' tieħu kull dokument misjub fiċ-ċentru minn fejn jopera jew kopji tiegħu. Kull dokumentazzjoni miksuba mill-Awtorità skond dan ir-regolament tista' tintuża' bħala evidenza kontra l-operatur kif ukoll kontra kull persuna marbuta magħhom.

Mewt jew inkapaċità fiżika jew ġuridika.

16. F'każ ta' mewt jew ta' inkapaċità fiżika jew ġuridika tal-persuna naturali li f'isimha ngħatat il-liċenza ta' operatur skond is-subregolament (3) tar-regolament 5, jew tal-persuna maħtura speċifikament, l-Awtorità tista' tagħti permess li jibqgħu għaddejjin l-operazzjonijiet ta' ġarr ta' passiġġieri temporanjament għal perjodu massimu ta' disa' xhur.

PARTI III

IL-PERMESS TA' XUFIER

Il-Permess ta' Xufier.

17. Ħadd ma jista' jaġixxi bħala xufier sakemm ma jkollux permess validu ta' xufier maħruġ skond dawn ir-regolamenti;

Iżda x-xufiera li normalment mhumiex residenti f'Malta jkunu jistgħu jagħmlu operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ f'Malta skond il-Parti VIII ta' dawn ir-regolamenti mingħajr ma jkunu jeħtieġu permess ta' xufier.

Kundizzjonijiet biex jinkiseb permess ta' xufier.

18. Min japplika għal permess ta' xufier għandu, qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li hu –

(a) liċenzjat kif imiss skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (L.S. 65.18); u

(b) għandu ċertifikat ta' kompetenza professjonali skond ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (L.S. 65.18) sakemm ma jkunx eżentat minn dak ir-rekwiżit skond l-istess Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan); u

(ċ) għandu reputazzjoni u kondotta tajba.

Reputazzjoni u kondotta tajba.

19. Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk:

(a) tkun instabet ħatja ta' xi reat kif imniżżel fi: Titolu I tal-Parti II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204, B, 204C, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248C, 248D tal-Kodiċi Kriminali;

(b) tkun ingħatat sentenza fl-aħħar għaxar snin għal reat li ġġorr magħha żmien ta' priġunerija ta', jew li jeċċedi, xahar jew multa ta' mill-anqas ħames mitt Euro (500.00); jew ta' żewġ reati jew aktar marbuta ma' vjolenza jew kienet qed tiskonta dik is-sentenza jew parti minnha f'dak il-perjodu ta' għaxar snin

(ċ) instabet ħatja, jew skontat sentenza jew parti minnha, fl-aħħar ħames snin, ta' xi reat skond l-Ordinanza

dwar ir-Regolament tat-Traffiku u, jew kull regolament magħmul taħtha u, jew l-Att dwar l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta (Kap. 332) u, jew kull regolament magħmul taħtu;

(d) instabet ħatja ta' xi ksur tal-liġi simili skond kull liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:

Iżda jekk l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta nstab ħati kif imsemmi fil-paragrafi (b) u (c) il-perjodi msemmija għandhom ikunu sentejn u sena rispettivament.

Applikazzjoni għal permess ta' xufier.

20. L-applikazzjoni għall-għoti jew it-tiġdid ta' permess ta' xufier għandha ssir lill-Awtorità fil-forma stipulata mill-istess Awtorità u għandu jkun fiha d-dettalji li titlob l-Awtorità u tiġi sottomessa flimkien ma':

(a) ċertifikat maħruġ mill-Pulizija li juri r-reati kriminali u/jew kontravenzjonjiet imsemmija fir-regolament 19 ta' dawn ir-regolamenti li għalihom l-applikant seta' ngħata sentenza kif ukoll il-piena marbuta magħhom; u

(b) il-ħlas rilevanti ta' l-applikazzjoni stipulat mill-Awtorità skond il-Parti 2 ta' l-Għaxar Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

Ipproċessar ta' applikazzjoni għal permess ta' xufier.

21. (1) L-applikazzjoni għal permess ta' xufier għandha tiġi proċessata u deċiża mill-Awtorità.

(2) Id-deċiżjoni li tieħu l-Awtorità għandha tintbagħat lill-applikant bil-posta reġistrata fl-indirizz speċifikat fuq l-applikazzjoni.

(3) Meta l-Awtorità tirrifjuta applikazzjoni, għandha tagħti r-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

(4) Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu d-dritt skond l-Att li jappella quddiem il-Bord minn dik id-deċiżjoni, fi żmien tletin ġurnata mindu dik id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lilu skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Validità u evidenza tal-permess.

22. (1) L-Awtorità għandha, meta tagħti permess lix-xufier skond dawn ir-regolamenti, tagħti lill-applikant li jgħaddi, tag ta' xufier li turi li dik il-persuna ngħatat permess ta' xufier.

(2) Il-permess tax-xufier u t-tikketta ta' xufier għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha jingħata l-permess ta' xufier jew perjodu ieħor iqsar, speċifikat fuqhom mill-Awtorità, sakemm ma jkunux revokati jew sospiżi, u mhumiex trasferibbli.

(3) Kull xufier għandu, waqt li jsuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, iwaħħal it-tag ta' xufier fl-ispazju mħolli apposta għal dan il-għan fuq iċ-ċertifikat imsemmi f'regolament 34 ta' dawn ir-regolamenti. Kull xufier għandu waqt li jkun fuq xogħlu iżda ma jkunx qed isuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, jilbes it-tag ta' xufier f'post fejn tidher fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru b'mod li tkun viżibbli faċilment. Kull xufier għandu, juri t-tag ta' xufier kull meta jintalab jagħmel dan mill-uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

(4) Xufier li jitlef it-tag għandu jgħarraf b'dan minnufih, u mingħajr dewmien, lill-Awtorità, u jekk l-Awtorità tkun sodisfatta li dik it-tag intilfet, l-Awtorità għandha toħroġ tag oħra minflokha hekk kif isir il-ħlas kif preskritt fil-Parti 3 ta' l-Għaxar Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(5) F'każ li t-tag tax-xufier titlef il-kulur, titgħawweġ jew titqatta', ix-xufier għandu minnufih jagħtiha lura lill-Awtorità u l-Awtorità għandha toħroġ waħda minflokha b'xejn:

Iżda id-detentur tat-tag ta' xufier għandu jkun obbligat li jħallas lill-Awtorità l-ħlas preskritt fl-Għaxar Skeda ta' dawn ir-regolamenti għar-raba' tibdil u kull tibdil sussegwenti tat-tag ta' xufier magħmul fil-perjodu ta' validità tat-tag.

(6) Ix-xufier għandu minnufih jagħti lura t-tikketta lill-Awtorità jekk jiġi revokat jew sospiż il-permess ta' xufier jew meta dan jiskadi, u l-Awtorità għandha toħroġ irċevuta għat-tag li jrodd lura.

Sospensjoni jew revoka tal-permess.

23. (1) L-Awtorità tista' meta jidhrilha titlob lix-xufier biex jagħti evidenza li għadu jilħaq ir-rekwiżiti tar-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti u x-xufier għandu jagħti kull informazzjoni mitluba mill-Awtorità fiż-żmien stipulat mill-Awtorità li fl-ebda ħin m'għandu jkun inqas minn tlett ijiem ta' xogħol.

(2) Il-permess tax-xufier jista' jiġi sospiż jew revokat minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) meta d-detentur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 18 ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) meta d-detentur ikun ta informazzjoni żbaljata lill-Awtorità; jew

(c) meta d-detentur ikun kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess tax-xufier;

(d) meta d-detentur ikun kiser b'mod gravi dawn ir-regolamenti.

(3) Dik is-sospensjoni jew revoka għandha tiġi affettwata mill-Awtorità jew b'ordni tal-Qorti jew b'ordni tal-Bord li għandu jagħti ordni li tqis il-gravità tal-ksur; iżda l-proċeduri quddiem il-Bord għal sospensjoni jew revoka ta' liċenza jistgħu jinbdew biss b'applikazzjoni mill-Awtorità:

Iżda wkoll, b'eċċezzjoni għal meta l-liċenza tkun ġiet revokata, il-liċenza ma jibqax ikollha effett sakemm ma titneħħiex is-sospensjoni mill-Awtorità kif ordnat mill-Bord jew mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali, kif jitlob il-każ.

PARTI IV

IR-REĠISTRU GĦALL-ĠARR STRADALI TAL-PASSIĠĠIERI

Ir-reġistru għall-ġarr stradali tal-passiġġieri.

24. (1) L-Awtorità għandha twaqqaf u żżomm reġistru magħruf bħala r-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, li għandu jkun maqsum f'Parti I, Parti II, Parti III u Parti IV.

(2) Fil-Parti I tar-reġistru għandu jkun hemm reġistrat l-isem u l-indirizz ta' kull persuna li lilha ngħata ċertifikat ta' kompetenza flimkien mad-dettalji l-oħra li jistgħu jkunu rilevanti għall-Awtorità.

(3) Fil-Parti II tar-reġistru għandu jkun hemm reġistrat l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha ngħatat liċenza ta' operatur, flimkien ma' dettalji oħra li jistgħu jkunu rilevanti għall-Awtorità.

(4) Fil-Parti III tar-reġistru għandu jkun hemm reġistrat l-isem u l-indirizz ta' kull persuna li lilha nħarġilha permess ta'

xufier, flimkien ma' dettalji oħra li l-Awtorità tista' tqis rilevanti, inkluż:

(a) indikazzjoni dwar jekk ix-xufier jaħdimx għal rasu jew mod ieħor, u

(b) l-isem ta' l-operatur, jekk japplika, f'dak l-operatu li hu mdaħħal fih.

(5) Fil-Parti IV tar-reġistru għandu jkun hemm lista tal-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjati biex joperaw u l-liċenza relattiva ta' l-operatur li biha jistgħu joperaw.

(6) L-Awtorità għandha tippermetti li r-reġistru jiġi spezzjonat minn kwalunkwe persuna.

Impjegar ta' xufiera.

25. L-ebda operatur m'għandu jħaddem bħala xufier xi persuna li mhix reġistrata fil-Parti III tar-Reġistru dwar il-Ġarr tal-Passiġġieri.

PARTI V

VETTURI GĦALL-ĠARR TAL-PASSIĠĠIERI

Applikabbiltà.

26. Din il-parti għandha tapplika għall-vetturi kollha tal-ġarr tal-passiġġieri, iżda ma tapplikax għall-*motor route buses*, u għall-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ.

Il-vetturi biss liċenzjati bħala vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri jistgħu jintużaw bħala vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri.

27. (1) Il-vetturi biss tal-ġarr tal-passiġġieri liċenzjati mill-Awtorità biex iġorru passiġġieri b'kiri jew kumpens, u mdaħħla fir-Reġistru dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri jistgħu jintużaw biex jagħmlu servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, iżda l-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjati mill-Awtorità biex iġorru passiġġieri b'kiri jew kumpens għandhom awtomatikament jitqiesu li ddaħħlu fir-Reġistru dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri.

(2) Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjata mill-Awtorità biex iġorr passiġġieri b'kiri jew kumpens u mdaħħla fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri għandha tinħarġilha liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li tiċċertifika li l-vettura pubblika għall-ġarr tal-passiġġieri hi awtorizzata biex iġġorr passiġġieri b'kiri jew kumpens u hi mdaħħla fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri. Dik il-liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha tinħareġ mill-Awtorità, kif isir il-ħlas stipulat fil-Parti 4 ta' l-Għaxar Skeda, u għandha tindika l-liċenza ta'

l-operatur li taħtha hi reġistrata l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Il-liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha titwaħħal mill-operatur fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri b'tali mod li tkun tidher minn quddiem.

(3) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri reġistrata fir-Reġistru għall-Ġarr tal-Passiġġieri għandha tintuża' biss fl-operazzjonijiet ta' ġarr stradali mill-operatur li taħt il-liċenza tiegħu hi reġistrata sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-Awtorità, u għandha tinstaq minn: xufiera li huma impjegati mill-operatur, xufiera li għandhom kuntratt ta' xogħol ma' l-operatur, jew mill-operatur innifsu fejn hu jkun xufier ukoll.

(4) Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità fir-rigward ta' applikazzjoni għal-liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha tintbagħat lill-applikant bil-posta reġistrata fl-indirizz speċifikat fl-applikazzjoni.

(5) Meta l-Awtorità tirrifjuta applikazzjoni, għandha tispeċifika r-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

(6) Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-Awtorità, l-applikant għandu jkollu dritt skond l-Att li jappella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord, fi żmien tletin ġurnata minn meta dik id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lilu skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament.

Speċifikazzjonijieet ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri.

28. (1) L-ebda liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri ma tista' tinħareġ fir-rigward ta' vettura bil-mutur sakemm:

(a) ma tkunx reġistrata u liċenzjata skond ir-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur (Reġistrazzjoni u Liċenzjar);

(b) ma tikkonformax mad-Direttiva 97/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1997 marbuta mal-piżijiet u d-dimensjonijiet ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom u li temenda d-Direttiva 70/156/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom kif emendati minn żmien għal żmien;

(ċ) ma tikkonformax mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti tal-2002 tal-Vetturi bil-Mutur (Tip ta' Approvazzjoni KE) (A.L. 95 ta' l-2002);

(d) ma tissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti kollha tal-kostruzzjoni stipulati fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir);

(e) ma tkunx vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li ssuq fuq il-lemin bil-bibien tal-passiġġieri fuq in-naħa tax-xellug;

(f) ma jkollhiex sistema ta' arja kondizzjonata li taħdem sew;

(g) il-kulur tal-*bodywork* estern ma jkunx identiku jew simili għall-kulur mogħti mill-Awtorità lill-*motor route buses*.

(2) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li mhix ġdida tista' biss tinħarġilha liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jekk:

(a) tikkonforma mas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament minbarra l-paragrafu (b) u (c) tiegħu

(b) tkun ġiet manifatturata mhux aktar minn ħames snin qabel id-data ta' l-ewwel applikazzjoni għal-liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri f'Malta;

(ċ) hi diġà reġistrata biex tintuża' fit-triq b'kiri jew kumpens f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u nħarġilha ċertifikat li hi inizjalment tajba mill-awtorità kompetenti ta' l-imsemmi Stat Membru, u barra minn hekk ma saritilha l-ebda modifika mindu nħareġ l-istess ċertifikat;

(d) għaddiet mit-Test li Jiċċertifika li l-Vetturi Huma Tajba għat-Triq, fit-tliet xhur ta' qabel, skond ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet li Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (A.L. 126 ta' l-1998).

Iżda l-ebda van tail-lift ma tista' tinħariġlu liċenza għall-ġarr ta' passiġġieri skond dawn ir-regolament sakemm ma tkunx vettura ġdida bil-mutur.

(3) *Vintage buses* jistgħu jiġu liċenzjati biex jintużaw biss fuq rotot għall-ġarr ta' passiġġieri turisti minkejja li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-paragrafu 9d) u (f) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u l-paragrafu (b) tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri inklużi fid-dikjarazzjoni mogħtija fil-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tar-regolament 7, li huma liċenzjati biex iġorru passiġġieri b'kiri jew kumpens f'Malta qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom awtomatikament tinħarġilhom liċenza tal-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri skond dawn ir-regolamenti mingħajr il-ħtieġa li jippreżentaw applikazzjoni jew li jagħmlu ħlas għal applikazzjoni jew ħlas tad-Dħul.

Buses Mikxufa.

29. (1) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li hi *bus* mikxufa tista' biss tinħarġilha liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jekk:

(a) Tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament 28 ta' dawn ir-regolamenti b'eċċezzjoni għall-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tar-regolament 28;

(b) Għandha biżżejjed avviżi għall-attenzjoni miktuba b'talanqas l-Ingliż, il-Malti, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, it-Taljan u l-Franċiż, rigward l-ilbies obbligatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà u ċ-ċintorini madwar iż-żaqq u l-projbizzjoni ta' passiġġieri bilwieqfa meta l-bus mikxufa tkun qed taħdem, speċjalment fis-sular ta' fuq, f'post li jidher sew mill-passiġġieri;

(ċ) Għandha protezzjoni fuq quddiem jew ilqugħ mir-riħ li jagħti protezzjoni lill-passiġġieri ta' quddiem, u li mhumiex għolja inqas minn 125ċm fis-sular il-miftuħ;

(d) Għandha protezzjoni laterali għall-passiġġieri ta' mhux inqas minn 100ċm għolja fis-sular miftuħ;

(e) Fil-każ ta' buses b'żewġ sulari, għandhom CCTV jew sistema ta' mirja li x-xufier jista' juża' biex jara s-sular ta' fuq;

(f) Fil-każ ta' buses b'żewġ sulari, għandhom sistema ta' twissija li tinstema' bil-għan li tiġi komunikata informazzjoni lill-persuni fis-sular ta' fuq;

(g) Is-sedili kollha huma mgħammra b'ċintorini tas-sigurtà bi tliet ponot b'reel ta' l-inertia jew ċintorini li jintlibsu madwar iż-żaqq li jinġibdu lura;

(h) Għandha tabella mwaħħla fid-daħla n-naħa tax-xufier li tindika l-kapaċità massima ta' passiġġieri bilqiegħda f'kull sular.

Għoti ta' liċenza għall-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri.

30. L-Awtorità m'għandhiex toħroġ liċenza għall-ġarr tal-passiġġieri sakemm fl-applikazzjoni ma jkunx hemm dikjarazzjoni magħmula mill-applikant li turi li l-vettura partikolari tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f'dawn ir-regolamenti għall-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri.

Tiġdid tal-Liċenza tal-Vettura għall-Ġarr tal-Passiġġieri.

31. (1) Liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha tkun valida sa ħames snin u tista' tiġi trasferita lill-persuna oħra iżda jekk dik il-persuna tkun operatur u tkun beħsiebha tuża' l-vettura għan-negozju tagħha, l-operatur ikun obbligat li jgħarraf lill-awtorità b'dan it-trasferiment fi żmien sebat ijiem mindu dan isir u l-awtorità għandha kif issir taf temenda r-reġistru b'dak il-mod.

(2) Il-liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandhiex tiġġedded għal aktar minn tmienja u għoxrin sena minn meta ġiet manifatturata l-vettura.

Sticker imwaħħla li tagħti informazzjoni dwar il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri.

32. Il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri inklużi fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri għandu jkollhom imwaħħal fuq in-naħa ta' wara tax-xellug tat-tieqa tal-ġenb karta magħmula minn materjal trasparenti maħruġa mill-Awtorità, li tindika l-informazzjoni li ġejja:

(a) In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura

(b) Is-sid reġistrat

(ċ) In-numru tal-liċenza ta' l-operaturi

(d) Kemm tesa Passiġġieri

(e) Numru tat-telefon uffiċjali li jista' jintuża' f'każijiet ta' emerġenza.

Marka u pjanċa tar-reġistrazzjoni.

33. Il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri inklużi fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri għandhom jingħataw mill-Awtorità marka tar-reġistrazzjoni alfanumerika fil-forma preskritta fir-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Reġistrazzjoni u Liċenzjar) (A.L. 476 ta' l-2004), li jidentifikawha bħala tali.

Identifikazzjoni tax-xufier fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

34. Kull xufier għandu waqt li jkun fuq xogħlu, iwaħħal mad-dahar tas-sedil tax-xufier jew f'tali post kif jiġi determinat mill-Awtorità, iċ-ċertifikat ta' identifikazzjoni maħruġ mill-Awtorità sabiex il-kerrej ikun jista' jidentifika lix-xufier u lill-operatur u jagħtuh tali informazzjoni oħra li l-Awtorità tippreskrivi.

Reklami.

35. (1) Il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri inkluża fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri jista' jkollha reklami fil-forma ta' karta stampata mwaħħla fuq barra tagħha.

(2) Meta xi reklam, ittri jew materjal ieħor stampat jintwera b'kontravenzjoni ta' xi liġi u, jew xi regolament maħruġ taħtha, jew xi ordni ta' l-Awtorità, l-Awtorità tista' tissospendi l-liċenza ta' dik il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri sakemm u qabel mal-kwistjoni tiġi regolarizzata.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet t'hawn fuq, xejn m'għandu jitħalla jostakola jew inkella jfixkel il-vista tax-xufier jew itellef sostanzjalment il-vista tal-passiġġieri.

(4) L-Awtorità tista', fid-diskrezzjoni tagħha kollha, tordna li jitneħħa kull reklam.

Is-sigurtà tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

36. (1) Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri inkluża fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri għandha tkun tajba u sigura minn kull lat għat-trasport tal-passiġġieri.

(2) Jekk, wara applikazzjoni mill-Awtorità quddiem il-Bord, il-Bord isib li l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri inkluża fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri mhix fi stat adatt u sigur għall-ġarr tal-passiġġieri, il-vettura msemmija għall-ġarr tal-passiġġieri għandha titneħħa mir-Reġistru tal-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, u l-liċenza tagħha ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha tiġi sospiża sakemm dak l-istat ma jkunx tranġa għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità.

Alterazzjoni tal-vettura.

37. (1) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li ngħatat liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandhiex tiġi alterata bl-ebda mod, mingħajr ma jkun hemm approvazzjoni minn qabel bil-kitba mill-Awtorità.

(2) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li ngħatat liċenza għall-ġarr tal-passiġġieri skond dawn ir-regolamenti bl-eċċezzjoni ta' dawk liċenzjati skond is-subregolament (3) tar-regolament 28

għandha tibqa' tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament 28 u 29 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tista' titneħħa mir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri, u l-liċenza tal-vettura tagħha għall-ġarr tal-passiġġieri tiġi irtirata jekk ikun hemm ksur tas-subregolament (1)jew (2) hawn qabel b'rabta ma' l-istess vettura.

(4) Dik it-tneħħija mir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri u l-irtirar tal-liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandhom isiru mill-Awtorità fuq ordni tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali jew fuq ordni tal-Bord li għandha tagħti dik l-ordni li tqis l-gravità tal-ksur; iżda l-proċeduri quddiem il-Bord għal dak l-irtirar jistgħu jinbdew biss b'applikazzjoni mill-Awtorità. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun finali; iżda għandu jkun hemm ċans ta' appell minnha fuq punt tal-liġi.

Spezzjonijiet.

38. L-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tagħmel spezzjonijiet fil-ġenb tat-triq fuq vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri inklużi fir-Reġistru għall-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri u/jew biex tibgħat għal dawk il-vetturi sabiex tagħmlilhom spezzjoni, f'liema każ l-operatur għandu jikkonforma minnufih ma' dawn it-talbiet.

PARTI VI

SERVIZZI TA' ĠARR TAL-PASSIĠĠIERI F'MALTA

Esklużjoni għas-servizzi pubbliċi ta' ġarr tal-passiġġieri u għall-*motor route buses*.

39. Din il-parti għandha tapplika għas-servizzi kollha tal-ġarr tal-passiġġieri li jsiru f'Malta, iżda ma tapplikax għas-servizzi pubbliċi ta' ġarr tal-passiġġieri u l-*motor route buses*.

Kiri ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

40. (1) L-ebda persuna ma tista' tikri vettura għall-ġarr tal-passiġġieri ħlief mingħand operatur.

(2) Il-kerrej m'għandux jirrifjuta jew jonqos milli jħallas kull somma pagabbli għall-ħidma tas-servizz tal-ġarr tal-passiġġieri miksub minnu, dejjem jekk l-operatur ikun qeda l-obbligi tiegħu permezz ta' din il-kirja.

Aċċessibbiltà għal dawk neqsin mid-dawl u mis-smigħ.

41. Ix-xufiera u l-operaturi m'għandhomx iżommu lill-passiġġieri milli jitilgħu fuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri akkumpanjati minn kelb ta' l-assistenza li għandu jinkludi klieb ta' gwida, u klieb tas-smigħ.

It-tqegħid u t-tħaddim għall-kiri hu projbit.

42. L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri.

L-użu ta' l-arja kondizzjonata.

43. Meta l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun mikrija, l-arja kondizzjonata għandha tiġi ssettjata fuq temperatura bl-arja ddur ma' kullimkien, sakemm ma jkunx miftiehem b'mod ieħor speċifiku mal-kerrej.

Ħżin ta' oġġetti.

44. (1) L-oġġetti li jistgħu jikkawżaw inkonvenjenza u/jew ikunu ta' periklu għall-passiġġieri, għandhom jinġarru biss fuq vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri f'kompartimenti speċjali li huma disinjati speċifikament bil-għan li jinħażnu fihom oġġetti goffi.

(2) Is-sewwieq għandu jiżgura li l-kompartiment tal-bagalji tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li jkun qed isuq ma jkunx mgħobbi żżejjed u dak il-kompartiment jinżamm magħluq kompletament u msakkar sew waqt li l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun qed tinstaq.

(3) Ix-xufier għandu jiżgura li ma jitqiegħed l-ebda oġġett fil-parti tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri b'tali mod li jagħlaq il-ħruġ ta' l-emerġenza ta' l-istess vettura jew inkella jfixkel milli dak il-ħruġ ta emerġenza jintuża'.

Oġġetti mitlufa.

45. Ix-xufier għandu, minnufih wara li jtemm kull kirja, ifittex fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u, jekk isib xi oġġetti li setgħu tħallew hemm, jgħaddi l-informazzjoni dwarhom lill-Pulizija fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mindu jsib dawk l-oġġetti.

L-ilbies tax-xufier.

46. (1) Ix-xufier għandu, waqt li jkun fuq xogħlu, jilbes ħwejjeġ nodfa adatti.

(2) L-uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw għandu jkollhom il-poter li jordnaw lix-xufier biex jieqaf jaħdem jekk fil-fehma tagħhom, ix-xufier ma jkunx liebes xieraq.

Projbizzjoni ta' tagħbija żejda.

47. L-ebda xufier m'għandu jġorr fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri numru ta' persuni aktar minn dak stipulat fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Kontroll tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

48. Ix-xufier għandu f'kull ħin isuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri taħt il-kontroll tal-magna tagħha u m'għandu fl-ebda ċirkostanza jagħti lok għal free-wheeling f'xi biċċa triq jew fid-direzzjoni 'l quddiem jew lura, aktar minn distanza ta' sitt metri.

Sewqan bil-galbu.

49. Ix-xufier għandu jsuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri b'mod prudenti sabiex ma joħloqx anzjeta' fil-passiġġieri jew iġagħalhom inħossuhom, b'xi mod, insiguri.

L-użu tal-mogħdija għall-vetturi ta' prijorità.

50. Il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tista' tuża' n-naħa ta' ġewwa ta' karreġġjata indikata bħala mogħdija għall-vettura ta' prijorità meta tkun fuq xogħolha.

L-użu ta' tagħmir waqt is-sewqan ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

51. L-ebda xufier m'għandu jsuq xi vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li jkun liebes jew qed juża' earphones f'widnejh it-tnejn jew headphones jew xi tagħmir ieħor li jista' jfixkel jew x'aktarx ifixklu milli jisma' sew, minbarra s-sistemi ta' komunikazzjoni bejn żewġ naħat u tagħmir hands-free.

Jitkellem waqt is-sewqan.

52. (1) Ix-xufier m'għandux jagħmel diskussjonijiet fit-tul waqt li jkun qed isuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

(2) Ħadd ma jista' bl-ebda mod ifixkel, jostakola jew b'xi mod jagħti fastidju sesswali lix-xufier waqt li jkun qed jeżerċita dmirijietu jew ikellem lix-xufier waqt li l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun miexja.

L-ebda tfixkil waqt is-sewqan.

53. Ix-xufier m'għandux idoqq xi apparat ta' l-awdjo waqt li jkun qed iġorr il-passiġġieri fuq vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, sakemm ma jkunx sar ftehim dwar dan mas-sid jew ma' l-organizzatur tat-trasport.

Rispett għall-passiġġieri.

54. Ix-xufier m'għandu qatt juri nuqqas ta' rispett lejn il-passiġġieri.

Hu projbit li wieħed joqgħod bilwieqfa jew ipoġġi fuq l-istaffa.

55. Ħadd m'għandu jitħalla joqgħod bilwieqfa jew ipoġġi fuq l-istaffa tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li din tkun miexja.

Vettura nadifa għall-ġarr tal-passiġġieri.

56. Kull operatur u xufier għandu jżomm il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri dejjem nadifa u f'ordni tajba u fi stat ta' manutenzjoni tajjeb.

Likwidi li jaqbdu u armi kkargati.

57. (1) L-ebda operatur m'għandu jħalli petrol jew likwidu ieħor li jaqbad jew materjal fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri minbarra dak li hemm fit-tank tal-fjuwil tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

(2) L-ebda operatur m'għandu jippermetti li jittellgħu armi tan-nar kkargati fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

(3) L-ebda xufier m'għandu jħalli petrol jew likwidu jew materjal ieħor li jaqbad fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri minbarra dak li hemm fit-tank tal-fjuwil tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

(4) L-ebda xufier m'għandu jippermetti li jittellgħu armi tan-nar kkargati fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

Oġġetti li għandhom riħa li ddejjaq.

58. Ħadd m'għandu jġorr jew jitħalla jġorr f'kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri xi oġġett li għandu riħa li ddejjaq.

Hu projbit il-mili tal-fjuwil waqt li l-vettura tkun mgħobbija bil-passiġġieri.

59. Hu projbit il-mili tal-fjuwil waqt li tkun mgħobbija bil-passiġġieri waqt li tkun mgħobbija bil-passiġġieri.

Tipjip.

60. (1) L-ebda passiġġier u/jew xufier ma jista' jpejjep waqt li jkun fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

(2) Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandu jkollha mwaħħal, f'post fejn jidher sew mill-passiġġieri, avviż li jistipula li ma jistax isir tipjip fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

Tagħmir ieħor.

61. Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandu jkun fiha:

a) Tagħmir adattat kif preskritt mill-Awtorità għat-tifi tan-nar;

b) Trianglu tas-sigurtà/tat-twissija;

c) Martell tas-sigurtà;

d) Kaxxa għall-ewwel għajnuna:

Iżda dawn t'hawn fuq għandhom jitnaddfu u ssirilhom manutenzjoni regolari u għandhom ikunu lesti biex jintużaw, ikunu mmarkati sew, u jaħdmu tajjeb u b'mod effiċjenti.

Żamma fil-garaxx.

62. L-operatur għandu jiżgura li kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri fl-operat tiegħu skond il-liċenza ta' l-operatur għandha tinżamm fil-garaxx f'kull ħin meta ma tkunx qed tintuża':

Iżda, il-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri li ma jeċċedux tul ta' sitt metri jistgħu jiġu pparkjati fit-triq għal perjodi ta' żmien ta' mhux aktar minn ħames sigħat u x-xufier ta' dawk il-vetturi għandu, meta jipparkja l-vettura jissettja l-indikatur tad-disk ta' l-arloġġ li jdur tal-parking disc tiegħu biex juri bl-aħjar mod possibbli l-ħin ta' meta pparkja l-vettura fi spazju okkupat. Il-parking disc, għandu jitpoġġa fuq il-wiċċ tad-dashboard f'pożizzjoni ċara u viżibbli li tidher min-naħa ta' barra tal-*windscreen*

Log.

63. L-operatur għandu jżomm log bl-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data u l-ħin tat-tluq u l-wasla ta' kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri mikrija miċ-ċentru minn fejn jopera;

(b) l-isem, in-numru tal-permess tax-xufier fejn il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tinkera b'xufier;

(c) l-isem tal-persuna li tkun se ssuq il-vettura fejn il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tinkera mingħajr xufier;

(d) l-isem tal-kerrej u/jew l-organizzatur tat-trasport.

Tfal ta' l-iskola.

64. (1) Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri għandha, waqt li tkun qed iġġorr it-tfal ta' l-iskola jkollha mwaħħal fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara tal-vettura s-sinjal indikat fil-Ħdax-il Skeda.

(2) Ix-xufier ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li jkun qed iġorr it-tfal ta' l-iskola għandu jiżgura li t-tfal ta' l-iskola joħorġu mill-vettura minn ħruġ li mhux espost għat-traffiku.

(3) Ix-xufier ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li jġorr tfal ta' l-iskola għandu jixgħel id-dwal li jteptpu tal-vettura waqt li jkun qed itella' u jniżżel it-tfal ta' l-iskola.

Projbizzjoni ta' ġarr ta' passiġġieri bilwieqfa.

65. L-ebda xufier m'għandu jħalli passiġġieri bilwieqfa fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li din tkun miexja.

Irkib u nżul.

66. Ix-xufier m'għandux iħalli jtella' jew iniżżel passiġġieri mill-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri qabel ma l-vettura tkun waqfet għal kollox.

Limitu tal-veloċità massima waqt il-ġarr tal-passiġġieri.

67. L-ebda xufier m'għandu, waqt li jkun qed iġorr passiġġieri fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, jaqbeż il-limitu tal-veloċita ta' 40 km fis-siegħa waqt li jkun qed isuq fil-belt jew raħal u 60 km fis-siegħa meta jkun qed isuq barra mill-belt jew raħal.

Bibien magħluqa waqt li tkun miexja.

68. Ix-xufiera għandhom jiżguraw li l-bibien kollha jkunu magħluqa sew waqt li tkun miexja l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri.

PARTI VII

ROTOT TA' TRASPORT GĦAT-TURISTI

Rotot għat-trasport tat-turisti u Servizzi Speċjali.

69. (1) L-Awtorità tista' tawtorizza operaturi, biex jagħtu servizzi regolari lill-passiġġieri fuq rotot ta' trasport għall-passiġġieri turisti soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) L-operaturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, l-informazzjoni kollha marbuta man-nollijiet, skedi, rotot, postijiet fejn jitilgħu u jinżlu, u kull restrizzjoni speċifika li tista' tillimita lill-passiġġier jew kategorija ta' passiġġieri milli jużaw is-servizz. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli wkoll fuq kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li topera fuq dik ir-rotta;

b) L-operaturi u x-xufiera għandhom jikkonformaw ma' l-informazzjoni kollha li teżisti pubblikament skond il-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament;

c) Ix-xufiera m'għandhomx, waqt li jkunu qed jagħmlu servizzi regolari tal-passiġġieri, itellgħu u, jew iniżżlu passiġġieri oħra f'xi post ieħor barra minn dawk il-postijiet approvati biex itellgħu u jniżżlu approvati mill-Awtorità tul ir-rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti;

d) L-operaturi għandhom iħallsu l-pagament stabbilit mill-Awtorità għar-rotta speċifika;

e) Jikkonformaw ma' kull kundizzjoni oħra stipulata mill-Awtorità.

(2) L-ebda operatur m'għandu juża', jew iħalli li tintuża', xi vintage bus, reġistrata taħt il-liċenza li biha jopera għal xi għan ieħor minbarra biex toffri servizz fuq rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti skond dan ir-regolament.

(3) L-ebda operatur m'għandu juża' jew iħalli li tintuża', xi bus mikxufa reġistrata taħt il-liċenza li biha jopera, li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, għal xi għan ieħor minbarra biex toffri servizz fuq rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti skond dan ir-regolament.

PARTI VIII

SERVIZZI INTERNAZZJONALI GĦALL-ĠARR TA' PASSIĠĠIERI U OPERAZZJONIJIET TAT-TRASPORT B'KABOTAĠĠ

Ġarr internazzjonali.

70. (1) Ir-regolamenti 71 sa 93 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw biss għal servizzi ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri.

(2) Ir-regolamenti 93 sa 101 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw biss għall-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ.

(3) Ir-regolamenti 102 sa 106 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi għandhom japplikaw biss għal servizzi ta' ġarr internazzjonali u operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ.

Miżuri Soċjali

Applikabbiltà ta' l-AETR.

71. Il-Ftehim Ewropew li jikkonċerna x-Xogħol tal-Ekwipaġġ tal-Vetturi involuti fil-Ġarr Stradali Internazzjonali (AETR) għandu japplika minflok ir-regolamenti 71 sa 93 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi, għal servizzi ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri:

(a) bejn Malta u pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti għall-AETR, jew in tranżitu minn dawk il-pajjiżi, għall-vjaġġ kollu fejn dak l-operat isir minn vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri reġistrati f'Malta, Parti Kontraenti għall-AETR jew f'wieħed mill-pajjiżi terzi msemmija;

(b) bejn Malta u pajjiż li mhux Parti Kontraenti fl-AETR fil-każ ta' xi vjaġġ magħmul fl-Istati Membri, jew bejn Malta u Stat Membru fejn dak l-operat isir minn vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri reġistrati f'wieħed minn dawk il-pajjiżi.

Kundizzjonijiet għax-xufiera involuti fil-ġarr stradali internazzjonali tal-passiġġieri.
.

72. (1) Kull xufier involut fil-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri jrid ikun laħaq l-età ta' wieħed u għoxrin sena u għandu jkun awtorizzat li jaġixxi bħala xufier skond il-liġijiet ta' xi Stat Membru.

(2) Kull xufier involut fil-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri jrid ukoll jissodisfa waħda mill-kundizzjoniijiet li ġejjin:

(a) irid ikun ħadem minn tal-anqas sena fil-ġarr ta' oġġetti bħala xufier ta' vetturi b'piż massimu permessibbli li jeċċedi 3.5 tunnellata;

(b) irid ikun ħadem tal-anqas sena bħala xufier tal-vetturi użati biex jagħtu servizz lill-passiġġieri fuq vjaġġi f'Malta, jew tipi oħra ta' servizzi għall-passiġġieri mhux koperti b'dawn ir-regolamenti, dejjem jekk l-Awtorità tqis li hu b'hekk kiseb l-esperjenza meħtieġa;

(c) irid ikollu ċertifikat ta' xufier ta' kompetenza professjonali f'Malta jew ċertifikat ekwivalenti rikonoxxut minn Stat Membru li jikkonferma li hu temm kors ta' taħriġ għax-xufiera ta' vetturi intiżi għall-ġarr stradali tal-passiġġieri, liema kors huwa konformi mat-Tielet Skeda.

Il-ħin tax-xogħol u l-perjodu tas-sewqan.

73. (1) (a) Il-ħin medju tax-xogħol fil-ġimgħa, inkluża s-sahra, għal ħaddiem mobbli m'għandux ikun aktar minn tmienja u erbgħin siegħa:

Iżda l-ħin massimu li ħaddiem mobbli jista' jaħdem f'ġimgħa jista' jkun estiż għal sittin siegħa biss jekk, f'perjodu ta' sbatax-il ġimgħa konsekuttivi, ma jeċċedix medja ta' tmienja u erbgħin siegħa fil-ġimgħa:

Iżda wkoll l-imsemmi perjodu jista' jiġi estiż għal ħaddiema mobbli partikolari għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, permezz ta' ftehim kollettiv jew b'xi ftehim ieħor li jsir bejn il-prinċipal u l-ħaddiema mobbli impjegati miegħu skond il-liġijiet nazzjonali, minn perjodu ta' sbatax-il ġimgħa għal perjodu ta' mhux aktar minn sitta u għoxrin ġimgħa.

(b) Il-ħin tax-xogħol għal prinċipali differenti hu t-total ta' sigħat tax-xogħol magħdudin flimkien. Il-prinċipal għandu jitlob bil-kitba lill-ħaddiem mobbli konċernat akkont tal-ħin li l-impjegat ħadem għal prinċipal ieħor u l-ħaddiem mobbli għandu jipprovdi l-imsemmija informazzjoni bil-miktub.

(c) Fejn isir xogħol matul il-lejl, il-ħin tax-xogħol ta' matul il-ġurnata ta' ħaddiem mobbli m'għandux ikun aktar minn għaxar sigħat f'kull perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa.

Iżda l-perjodu ta' għaxar sigħat jista' jiġi estiż fir-rigward ta' ħaddiema mobbli partikolari għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, permezz ta' ftehim kollettiv jew b'xi ftehim ieħor li jsir bejn il-prinċipal u l-ħaddiema mobbli impjegati miegħu skond il-liġijiet nazzjonali.

(d) Il-prinċipal għandu jiżgura li jissodisfa l-limiti tal-ħin speċifikati f'dan ir-regolament għal kull ħaddiem mobbli impjegat miegħu.

(e) Il-ħinijiet ta' waqfien temporanju, mistrieħ u perjodi ta' disponibbiltà m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol.

(f) Il-perjodu ta' disponibbiltà m'għandux jitqies bħala tali sakemm il-ħaddiem mobbli ma jkunx jaf minn qabel ma jibda l-perjodu rilevanti dwar il-perjodu ta' disponibbiltà u t-tul ta' ħin raġonevoli li dan ikun se jieħu.

(g) Il-ħin li ħaddiem mobbli jagħmel isuq ma' sħabu, il-ħin li jagħmel bilqiegħda ħdejn ix-xufier jew fuq il-couchette waqt li l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun miexja għandu jitqies bħala perjodu ta' disponibbiltà għal dak il-ħaddiem mobbli.

(2) (a) Il-ħin tas-sewqan ta' ġurnata, inkluż il-ħin kollu tas-sewqan fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi pajjiż terz, m'għandux jeċċedi disa' sigħat, iżda jista' jiġi estiż sa darbtejn f'xi ġimgħa sa mhux aktar minn għaxar sigħat.

(b) Ix-xufier irid, wara li jkun għamel mhux aktar minn sitt perjodi ta' sewqan kuljum, jieħu perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa kif definit fis-subregolament 3 tar-regolament 75 ta' dawn ir-regolamenti.

(c) Il-perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa jista' jiġi pospost sa l-aħħar tat-tnax-il ġurnata jekk il-ħin totali tas-sewqan imqassam fuq it-tnax-il ġurnata ma jeċċedix il-massimu li jikkorrispondi għal tnax-il perjodu ta' sewqan ta' kuljum.

(3) Il-ħin tas-sewqan fil-ġimgħa, inkluż il-ħin kollu tas-sewqan fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' xi pajjiż terz, m'għandux jeċċedi s-sitta u ħamsin siegħa u m'għandux jirriżulta

fil-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa stipulat f'dan is-subregolament (1)(a) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-perjodu totali ta' sewqan f'kull perjodu ta' żewġ ġimgħat konsekuttivi m'għandux jeċċedi d-disgħin siegħa.

(5) Ix-xufier għandu jżomm record ta' "xogħol ieħor" ta' kull ħin li jagħmel f'attivitajiet definit bħala "ħin tax-xogħol" fir-regolament 2 kif ukoll kull ħin li jagħmel isuq vettura użata għal xogħlijiet kummerċjali li ma jaqgħux fl-iskop ta' dan ir-Regolament, u għandu wkoll iżomm rekord ta' kull "perjodu ta' disponibbiltà", kif definit fir-regolament 2, mill-aħħar perjodu ta' mistrieħ ta' ġurnata jew ġimgħa. Dan ir-rekord għandu jitniżżel jew manwalment fuq karta tar-rekord, karta printjata jew billi jdaħħalhom manwalment fuq tagħmir li jirrekordja.

Waqfien temporanju.

74. (1) (a) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2), il-ħaddiema mobbli għandhom jaħdmu għal mhux aktar minn sitt sigħat konsekuttivi mingħajr waqfien temporanju.

(b) Fejn il-ħin tax-xogħol ta' ħaddiem mobbli jeċċedi sitt sigħat iżda ma jkunx aktar minn disa' sigħat, il-ħin tax-xogħol għandu jiġi interrott b'waqfien temporanju ta' mill-anqas tletin minuta.

(c) Meta l-ħin tax-xogħol ta' ħaddiem mobbli jeċċedi disa' sigħat, il-ħin tax-xogħol għandu jiġi interrott b'waqfien temporanju ta' mill-anqas ħamsa u erbgħin minuta.

(d) Il-waqfien temporanju jista' jiġi maqsum f'perjodi ta' mhux anqas minn ħmistax-il minuta kull wieħed.

(2) (a) Ix-xufier għandu jieħu waqfien temporanju mhux interrott ta' mhux aktar minn ħamsa u erbgħin minuta wara perjodu ta' sewqan ta' erba' sigħat u nofs, sakemm ma jieħux perjodu ta' mistrieħ.

(b) Il-waqfien temporanju jista' jiġi sostitwit b'waqfien temporanju ta' mill-anqas ħmistax-il minuta segwit minn waqfien temporanju ta' mill-anqas tletin minuta, kull wieħed imqassam fuq il-perjodu tas-sewqan b'tali mod li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti.

Perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa.

75. (1) Ix-xufier jew kull ħaddiem mobbli ieħor għandu jkollu perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa.

(2) Għandu jittieħed perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum ta' ħdax-il siegħa f'kull perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa wara li jintemm il-perjodu ta' mistrieħ tal-ġurnata ta' qabel jew il-perjodu ta' mistrieħ tal-ġimgħa ta' qabel:

Iżda l-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jitnaqqas għal talanqas disa' sigħat iżda mhux aktar minn tliet darbiet bejn żewġ perjodi ta' mistrieħ f'ġimgħa.

(3) Il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jiġi estiż biex ikun hemm perjodu ta' mistrieħ regolari ta' ġimgħa jew perjodu ta' mistrieħ imnaqqas ta' ġimgħa.

(4) Minkejja s-subregolament (2), xufier li jinvolvu ruħu f'sewqan m'oħrajn, fi żmien tletin siegħa mindu jintemm il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum jew ta' ġimgħa, irid jieħu perjodu ta' mistrieħ ġdid ta' ġurnata ta' mill-anqas disa' sigħat.

(5) (a) F'kull żewġ ġimgħat konsekuttivi x-xufier jew kull ħaddiem mobbli għandhom jieħdu talanqas -

(i) żewġ perjodi ta' mistrieħ regolari ta' ġimgħa, jew

(ii) perjodu wieħed regolari ta' mistrieħ ta' ġimgħa u perjodu wieħed ta' mistrieħ imnaqqas ta' ġimgħa ta' mill-anqas erbgħa u għoxrin siegħa:

Sakemm it-tnaqqis ikun kumpensat b'perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ meħud en bloc qabel ma tintemm it-tielet ġimgħa wara l-ġimgħa msemmija.

(b) Il-perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa għandu jibda mhux aktar tard minn meta jispiċċaw is-sitt perjodi ta' erbgħa u għoxrin siegħa mit-tmiem tal-perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa ta' qabel.

(6) (a) Kull mistrieħ meħud bħala kumpens għal perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa mnaqqas għandu jkun marbut ma' perjodu ieħor ta' mistrieħ ta' mill-anqas disa' sigħat.

(b) Meta x-xufier jew kull ħaddiem ieħor mobbli

jagħżel li jagħmel dan, il-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perjodi ta' mistrieħ ta' ġimgħa mnaqqsa 'l bogħod mill-bażi jistgħu jittieħdu f'vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, sakemm il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jkollha faċilitajiet adatti għall-irqad għal kull xufier jew ħaddiem mobbli u l-vettura għall-ġarr tal-passiggieri tkun wieqfa.

(7) Il-perjodu ta' mistrieħ ta' ġimgħa li jaqa' fuq żewġ ġimgħat jista' jiġi magħdud f'liema ġimgħa tkun, basta mhux fit-tnejn.

Interruzzjoni tal-perjodu ta'mistrieħ ta' kuljum u tbegħid mir-regolamenti.

76. (1) Minkejja r-regolament 75, xufier jew kull ħaddiem mobbli involut fil-ġarr ta' passiġġieri li jakkumpanja vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li tinġarr fuq lanċa jew bil-ferrovija, dak ix-xufier jew ħaddiem mobbli jista' jinterrompi l-perjodu ta' mistrieħ regolari ta' kuljum mhux aktar minn darbtejn b'attivitajiet oħra li ma jkunux itwal minn siegħa b'kollox u matul dak il-perjodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum, ix-xufier jew il-ħaddiem mobbli għandu jkollhom aċċess għal kuċċetta jew couchette.

(2) Kull ħin li jqatta' jivvjaġġa minn post għall-ieħor biex jieħu ħsieb il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, jew biex jirritorna lura minn dak il-post, fejn il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri ma tkunx la d-dar tax-xufier jew tal-ħaddiem mobbli u lanqas fiċ-ċentru tal-prinċipal minn fejn jopera x-xufier jew fejn is-soltu jkun il-ħaddiem mobbli, m'għandux jitqies bħala mistrieħ jew waqfien temporanju sakemm ix-xufier jew il-ħaddiem mobbli ma jkunx fuq il-lanċa jew ferrovija u ma jkollux aċċess għal kuċċetta jew couchette.

(3) Il-ħin li x-xufier iqatta' jsuq xi vettura oħra bil-mutur li mhix vettura għall-ġarr tal-passiġġieri, li ma tkunx qiegħda d-dar tiegħu jew fiċ-ċentru tal-prinċipal minn fejn normalment jopera x-xufier jew il-ħaddiem mobbli, għandu jitqies bħala xogħol ieħor.

(4) Sakemm is-sigurtà fit-triq ma tkunx ipperikolata b'dan u sabiex il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun tista' tilħaq post tal-waqfien adatt, ix-xufier jista' jitbiegħed mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti 73 sa 75 sa fejn ikun meħtieġ biex jiżgura s-sigurtà tan-nies, tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jew tat-tagħbija li jkollha fuqha. Ix-xufier għandu jagħti r-raġuni għaliex tbiegħed minn dawk id-disposizzjonijiet manwalment fuq il-karta tar-rekord tat-tagħmir li jirrekordja jew fuq karta pprintjata

mit-tagħmir li jirrekordja jew fuq ir-roster tax-xogħol, tal-anqas meta jasal f'post tal-waqfien adatt.

Ir-responsabbiltà ta' l-impriżi tat-trasport.

77. (1) It-trasportatur m'għandu jagħti l-ebda ħlas lix-xufiera impjegati miegħu jew li jkunu għad-disposizzjoni tiegħu, anki f'forma ta' bonus jew żieda mal-paga, marbuta mad-distanzi li jkun ivvjaġġa jekk dak il-ħlas ikun ta' tali tip li jipperikola s-sigurtà fit-triq u, jew jagħti lok għal ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(2) It-trasportatur għandu jkun responsabbli, sakemm ma jkunx pruvat mod ieħor, għall-ksur tar-regolamenti li jagħmlu x-xufiera li jkunu impjegati miegħu, anki jekk dan il-ksur isir fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz ieħor.

(3) It-trasportaturi għandhom jiżguraw li -

(a) id-data kollha tiġi downlowdjata mit-tagħmir li jirrekordja tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tal-anqas kull tliet xhur u mill-karta tax-xufier tal-anqas kull tmienja u għoxrin ġurnata;

(b) id-data kollha downlowdjata kemm mit-tagħmir li jirrekordja li hemm fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri kif ukoll mill-karta tax-xufier għandha tinżamm għal tal-anqas 12-il xahar mir-rekordjar u, jekk tintalab minn uffiċjal li jispezzjona, dik id-data għandha tkun aċċessibbli, jew direttament jew b'mod remot, miċ-ċentru tat-trasportatur minn fejn joperaw.

(4) It-trasportaturi, l-operaturi ta' l-ivvjaġġar, il-kuntratturi prinċipali, is-subkuntratturi u l-aġenziji li jimpjegaw lix-xufiera għandhom jiżguraw li l-iskedi tal-ħin tat-trasport li jkunu ftehmu dwarhom b'kuntratt iħarsu dawn ir-regolamenti.

Records ta' informazzjoni u penalitajiet.

78. (1) Il-prinċipal għandu -

(a) jgħarraf lil kull xufier jew kull ħaddiem mobbli ieħor impjegat miegħu dwar id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 73 sa 77 u d-disposizzjonijiet ta' kull ftehim kollettiv jew ftehim ieħor applikabbli għall-istess xufier jew ħaddiem mobbli li jkun intlaħaq skond dawn ir-regolamenti;

(b) iżomm rekord ta' kull ħin li jkun ħadem kull xufier jew ħaddiem mobbli impjegati miegħu, inkluż il-ħin li dak ix-

xufier jew ħaddiem mobbli jkun ħadem għal prinċipal ieħor, b'dan ta' l-aħħar skont id-dettalji provduti mill-ħaddiem;

(c) jipprovdi, fuq talba tax-xufier jew ta' xi ħaddiem mobbli ieħor, kopja tar-rekord tas-sigħat li dak ix-xufier jew dak il-ħaddiem mobbli ikun ħadem;

(d) jorganizza x-xogħol tax-xufiera u ta' ħaddiema oħra mobbli b'tali mod li x-xufiera u l-ħaddiema mobbli l-oħra jkunu jistgħu jikkonformaw mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kull leġislazzjoni rilevanti oħra.

(2) Ix-xufier jew kull ħaddiem mobbli ieħor għandhom jgħarrfu lill-prinċipal tagħhom dwar kull ħin li l-ħaddiem ikun ħadem għal prinċipal ieħor biex dan jiġi inkluż fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol tal-ħaddiem.

(3) Ir-rekords imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jinżammu mill-prinċipal għal perjodu ta' sentejn wara li jintemm il-perjodu kopert bl-istess rekords.

(4) Il-prinċipali għandhom jagħmlu spezzjonijiet perjodiċi biex jiżguraw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi kollha u jekk jinstab li kien hemm xi ksur tagħhom, il-prinċipal għandu jieħu l-passi adatti biex ma jagħtix lok li jerġgħu jsiru.

Aċċess għas-Suq Internazzjonali

Liċenza Komunitarja.

79. (1) L-Awtorità għandha toħroġ liċenza Komunitarja skont il-mudell stipulat fir-Raba' Skeda lil kull operatur li jissodisfa l-kundizzjonijiet preskritti fil-Parti II ta' dawn ir-regolamenti u li jilħaq ir-rekwiżiti ġuridiċi dwar is-sigurtà fit-triq sa fejn jikkonċerna l-istandards għax-xufiera u l-vetturi u li beħsiebu jagħti servizzi ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri.

(2) Sabiex ikun jista' jagħmel xogħol ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bl-użu ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri bejn Malta u Stati Membri oħra b'kiri jew kumpens jew fuq l-akkont tiegħu, it-trasportatur għandu jilħaq ir-rekwiżiti ġuridiċi dwar is-sigurtà fit-triq fejn jidħlu l-istandards għax-xufiera u l-vetturi u għandu jkollu liċenza Komunitarja maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn hu stabbilit skont il-mudell stipulat fir-Raba' Skeda.

(3) Kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li tagħti servizz ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri għandu jkollha fuqha liċenza Komunitarja jew kopja tal-liċenza Komunitarja attestata mill-awtorità jew l-aġenzija li ħarġitha.

Sospensjoni tal-liċenza Komunitarja.

80. (1) F'każ ta' ksur serju ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorizzazzjoni, maħruġa minn Stat Membru ieħor jew f'xi pajjiż ieħor tista' tiġi temporanjament jew parzjalment sospiża. Dik is-sospensjoni jew revoka għandha ssir mill-Awtorità b'ordni tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali jew b'ordni tal-Bord jew b'ordni tal-Qorti ta' l-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha li għandha tagħti dik l-ordni li tqis l-gravità tal-ksur; iżda l-Bord għandu jordna biss dik is-sospensjoni jew revoka b'applikazzjoni mill-Awtorità. Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun finali; iżda għandu jkun hemm ċans għal appell minnha fuq punt tal-liġi.

Dritt ta' appell.

81. Meta tiġi sospiża awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor jew xi pajjiż ieħor, l-Awtorità għandha permezz ta' avviż bil-kitba, fi żmien sebat ijiem, tgħarraf lit-trasportatur bid-deċiżjonijiet u r-raġunijiet tagħha għal dan.

Servizzi okkażjonali.

82. (1) Is-servizzi okkażjonali m'għandhomx bżonn l-ebda awtorizzazzjoni oħra speċifika barra mil-liċenza Komunitarja.

(2) Is-servizzi okkażjonali jistgħu jingħataw minn grupp ta' trasportaturi ta' l-istess kuntrattur, u l-passiġġieri jistgħu jaqbdu connection en route, ma' trasportatur differenti imqabbad mill-istess kuntrattur, fit-territorju ta' Stat Membru.

(3) L-ismijiet ta' dawk it-trasportaturi u l-postijiet ta' connection en route għandhom jingħataw lill-Awtorità mal-wasla tagħhom f'Malta fi żmien tmienja u erbgħin siegħa.

(4) Il-vjaġġi battala li jagħmlu l-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri b'rabta ma' l-operat tat-trasport imsemmi fis-subregolamenti (1) sa (3) m'għandhom bżonn l-ebda awtorizzazzjoni.

(5) Operatur li għandu liċenza Komunitarja jista' jagħmel eskursjonijiet lokali fi Stat Membru ieħor u trasportatur li hu stabbilit fi Stat Membru barra minn Malta jista' jagħmel dawk l-eskursjonijiet f'Malta. Tali servizzi għandhom ikunu

intiżi għal passiġġieri li mhumiex residenti li qabel inġarru mill-istess trasportatur fuq servizz internazzjonali okkażjonali u jridu jinġarru bl-istess vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jew vettura oħra għall-ġarr tal-passiġġieri ta' l-istess trasportatur jew grupp ta' trasportaturi.

Servizzi regolari speċjali.

83. (1) Is-servizzi regolari speċjali m'għandhomx jeħtieġu awtorizzazzjoni oħra speċifika barra mil-liċenza Komunitarja jekk ikunu koperti b'kuntratt magħmul bejn l-organizzatur tat-trasport u t-trasportatur.

(2) Kull trasportatur għandu jitħalla jagħmel servizzi regolari speċjali mingħajr l-ebda diskriminazzjoni marbuta man-nazzjonalità tiegħu jew tal-post ta' fejn hu stabbilit jekk it-trasportatur konċernat

(a) hu awtorizzat fl-Istat Membru ta' fejn hu stabbilit biex jagħmel ġarr permezz ta' servizzi regolari inkluż servizzi regolari speċjali jew servizzi okkażjonali permezz ta' vetturi għall-ġarr stradali tal-vetturi;

(b) jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' Malta jew regolamenti ekwivalenti fl-Istat Membru ta' fejn hu stabbilit li jirregolaw l-aċċess għas-suq;

(c) jissodisfa r-rekwiżiti u l-istandards ġuridiċi dwar is-sigurtà fit-triq għax-xufiera u l-vetturi.

(3) Kull trasportatur li jaħdem minn jeddu għandu jitħalla jagħmel servizzi regolari speċjali internazzjonali bla ebda diskriminazzjoni marbuta man-nazzjonalità tiegħu jew tal-post fejn hu stabbilit jekk it-trasportatur konċernat:

(a) hu awtorizzat biex fil-pajjiż fejn hu stabbilit jagħmel ġarr b'vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri skont il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Malta jew skont regolamenti ekwivalenti fl-Istat Membru ta' fejn hu stabbilit li jirregolaw l-aċċess għas-suq;

(b) jissodisfa r-rekwiżiti u l-istandards ġuridiċi dwar is-sigurtà fit-triq għax-xufiera u l-vetturi.

(4) Il-vjaġġi battala li jsiru minn vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri b'rabta ma' servizzi għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) m'għandhom bżonn l-ebda awtorizzazzjoni.

Servizzi regolari.

84. (1) Il-passiġġieri li jużaw servizz regolari internazzjonali għandhom tul il-vjaġġ tagħhom ikollhom fuqhom il-biljetti tat-trasport, jew individwali jew kollettivi, li jindikaw:

(a) il-postijiet minn fejn telqu u d-destinazzjoni u, fejn hemm bżonn, il-vjaġġ ta' ritorn;

(b) il-perjodu ta' validità tal-biljett;

(ċ) il-prezz tat-trasport.

(2) Dak il-biljett tat-trasport għandu jiġi preżentat meta jintalab minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Awtorizzazzjoni għal servizzi regolari u servizzi speċjali mhux liberalizzati.

85. Is-servizzi regolari internazzjonali u s-servizzi regolari speċjali internazzjonali li ma sarux b'kuntratt bejn l-organizzatur tat-trasport u t-trasportatur għandu jkollhom awtorizzazzjoni skond ir-regolamenti 86 sa 89 ta' dawn ir-regolamenti.

Tip ta' awtorizzazzjoni.

86. (1) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu f'isem it-trasportatur għal perjodu ta' validità ta' ħames snin u għandhom jikkonformaw mal-mudell fil-Ħames Skeda.

(2) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jintitolaw lid-detentur(i) biex joperaw servizzi regolari internazzjonali fit-territorji tal-Istati Membri kollha li minnhom jgħaddu r-rotot tas-servizz regolari internazzjonali kif ukoll f'Malta.

(3) (a) L-operatur li jkun ingħata awtorizzazzjoni jista', bil-kunsens tal-Awtorità, jopera s-servizz ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri, hekk awtorizzat, permezz ta' sub-kuntrattur. F'dan il-każ, l-isem ta' l-intrapriża ta' l-aħħar u r-rwol tagħha bħala sub-kuntrattur għandu jiġi indikat fl-awtorizzazzjoni.

(b) Is-sub-kuntrattur imsemmi fil-paragrafu (a) irid jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 79(1).

(c) Fil-każ tat-trasportaturi li jaħdmu bi sħab bil-għan li joperaw servizz regolari, l-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ f'isem it-trasportaturi kollha.

(4) It-trasportatur li jopera servizz internazzjonali regolari jista' juża' vetturi addizzjonali għall-ġarr tal-passiġġieri biex jittratta sitwazzjonijiet temporanji u eċċezzjonali. F'dan il-

każ, it-trasportatur irid jiżgura li d-dokumenti li ġejjin ikunu fil-vetturi addizzjonali għall-ġarr tal-passiġġieri:

(a) kopja ta' l-awtorizzazzjoni tas-servizz regolari;(b) kopja tal-kuntratt bejn it-trasportatur li jopera s-servizz internazzjonali regolari u l-impriża li tipprovdi l-vetturi addizzjonali għall-ġarr tal-passiġġieri jew dokument ekwivalenti;

(b) vera kopja attestata tal-liċenza Komunitarja maħruġa lit-trasportatur li jopera s-servizz internazzjonali regolari.

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

87. (1) L-applikazzjonijiet lill-Awtorità għall-awtorizzazzjoni ta' servizzi internazzjonali regolari li jitilqu minn Malta għandhom jikkonformaw mas-Sitt Skeda.

(2) L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kollha li fit-territorji tagħhom jittellgħu jew jitniżżlu l-passiġġieri.

(3) L-Awtorità għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari li jitilqu minn Malta fi żmien erba' xhur mid-data li fiha t-trasportatur jissottometti l-applikazzjoni.

(4) L-awtorizzazzjoni għandha tingħata sakemm:

(a) l-applikant ma jkunx kapaċi jagħti s-servizz li hu s-suġġett ta' l-applikazzjoni bit-tagħmir li għandu għad-disposizzjoni tiegħu;

(b) fil-passat, l-applikant ma kienx ikkonforma mal-leġislazzjoni nazzjonali jew internazzjonali dwar it-trasport stradali, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti marbuta ma' l-awtorizzazzjonijiet għal servizzi ta' ġarr internazzjonali tal-passiġġieri, jew wettaq ksur serju tal-leġislazzjoni marbuta mas-sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-vetturi u s-sewqan u l-perjodi tas-sewqan għax-xufiera;

(ċ) fil-każ ta' applikazzjoni għal tiġdid ta' awtorizzazzjoni, ma kienx konformi mal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni;

(d) jintwera li s-servizz imsemmi jikkompromettі direttament l-eżistenza ta' servizzi regolari diġà awtorizzati, minbarra f'każijiet li fihom is-servizzi regolari konċernati jsiru minn trasportatur wieħed jew grupp ta' trasportaturi biss;

(e) jidher li l-operat tas-servizzi koperti bl-applikazzjoni hu immirat biss lejn l-aktar servizzi li jħallu qligħ mis-servizzi eżistenti fuq ir-rotot konċernati; u

(f) Stat Membru jiddeċiedi skond analiżi dettaljata li s-servizz imsemmi jaffettwa b'mod serju l-vijabbiltà ta' servizzi tal-ferrovija komparabbli fuq is-sezzjonijiet diretti konċernati. Kull deċiżjoni skond din id-dispożizzjoni, flimkien mar-raġunijiet għaliha, għandha tiġi notifikata lit-trasportatur affettwat.

(5) Meta l-Awtorità tirrifjuta li tagħti jew iġġedded awtorizzazzjoni għal servizzi regolari li jitilqu minn Malta, l-Awtorità għandha b'avviż bil-kitba, fi żmien sebat ijiem, tgħarraf lill-applikant jew lid-detentur, kif ikun il-każ, bid-deċiżjonijiet tagħha u r-raġunijiet għalihom u l-applikant jew id-detentur jista', fi żmien tletin ġurnata minn meta jiġi notifikat bid-deċiżjoni, jappella mid-deċiżjoni quddiem l-Awtorità.

Skadenza ta' l-awtorizzazzjoni.

88. (1) L-awtorizzazzjoni għal servizz internazzjonali regolari għandha tiskadi meta jispiċċa l-perjodu ta' validità tagħha jew tliet xhur wara li l-Awtorità tkun irċeviet mingħand id-detentur tagħha avviż bl-intenzjoni tiegħu li jirtira s-servizz. Dak l-avviż għandu jkun fih dikjarazzjoni adatta bir-raġunijiet.

(2) Fejn it-talba għal servizz internazzjonali regolari spiċċat, il-perjodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jitnaqqas għal xahar.

(3) Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu jinnotifika lill-utenti tas-servizz konċernat bl-irtirar tagħha xahar qabel permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

L-obbligu tat-trasportaturi.

89. (1) Ħlief f'każ ta' force majeure, it-trasportatur li jopera servizz internazzjonali regolari għandu, sakemm tiskadi l-awtorizzazzjoni, jieħu l-miżuri kollha biex jiżgura li jingħata servizz tat-trasport li jissodisfa l-istandards ta' kontinwità, regolarità u kapaċità u jikkonforma mal-kundizzjonijiet l-oħra stipulati mill-Awtorità skond ir-regolament 83(3).

(2) It-trasportatur għandu juri r-rotta tas-servizz internazzjonali regolari, fejn se tieqaf il-bus, l-iskeda tal-ħin, in-nollijiet u l-kundizzjonijiet tal-vjaġġ sakemm dawn ma jkunux stipulati bil-liġi, u b'tali mod li jiżgura li dik l-informazzjoni tkun disponibbli għall-utenti kollha.

Formola tal-vjaġġ

90. (1) Is-servizzi msemmija fir-regolament 82 għandhom ikunu koperti b'formola tal-vjaġġ, liema rekwiżiti huma stipulati fis-Seba' Skeda.

(2) It-trasportatur li jopera servizzi internazzjonali okkażjonali għandu jimla l-formola tal-vjaġġ qabel kull vjaġġ.

(3) L-Awtorità għandha toħroġ l-imsemmija formoli tal-vjaġġ lill-operaturi stabbiliti f'Malta.

Operat ta' trasport fuq l-akkont tiegħu.

91. (1) L-operat tat-trasport fuq l-akkont tiegħu għandhom jiġu eżentati minn kull sistema ta' awtorizzazzjoni iżda għandhom ikunu soġġetti għal sistema ta' ċertifikati.

(2) Tali ċertifikati għandhom jinħarġu mill-Awtorità fejn il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tkun irreġistrata f'Malta u għandhom ikunu validi għall-vjaġġ kollu inkluż it-tranżitu għal massimu ta' ħames snin. Għandhom jikkonformaw mal-mudell fit-Tmien Skeda.

(3) Iċ-ċertifikat jew vera kopja attestata għandhom ikunu fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u għandhom jiġu ppreżentati meta jintalbu mill-uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Evidenza ta' konformità li trid tingħata.

92. It-trasportaturi li jitolbu ċ-ċertifikat għandhom jagħtu evidenza lill-Awtorità li ntlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fid-definizzjoni ta' "operat fuq l-akkont tiegħu".

Aċċess għas-suq f'pajjiżi oħra

Aċċess għas-suq.

93. L-Awtorità għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-suq marbuta mal-pajjiżi li magħhom Malta għandha ftehim bilaterali minbarra Stati Membri u soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim.

Aċċess għas-Suq Nazzjonali minn Trasportaturi Mhux Residenti Stabbiliti fl-Istati Membri ("Kabotaġġ")

Operazzjoni temporanja ta' kabotaġġ.

94. Kull trasportatur b'kiri jew kumpens li hu detentur ta' awtorizzazzjoni Komunitarja għandu jkun intitolat, skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti, biex jagħmel operazzjonijiet ta' kabotaġġ b'mod temporanju f'Malta, mingħajr ma jkollu uffiċċju reġistrat jew xi stabbiliment f'Malta.

Servizzi awtorizzati.

95. (1) L-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ għandhom jitħallew f'Malta għas-servizzi li ġejjin:

(a) servizzi regolari speċjali iżda li jkunu koperti b'kuntratt magħmul bejn l-organizzatur tat-trasport u t-trasportatur;

(b) servizzi okkażjonali.

(2) L-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ għal servizzi regolari m'għandhomx jiġu awtorizzati f'Malta.

Operazzjoni ta' kabotaġġ soġġetta għal-liġijiet ta' Malta.

96. (1) L-andament ta' l-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ f'Malta msemmija fir-regolament 94 għandhom ikunu soġġetti għal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'Malta b'rabta ma' l-oqsma li ġejjin:

(a) ir-rati u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratt tat-trasport;

(b) il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri għandhom jilħqu l-kundizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti li jirregolaw il-piżijiet, id-dimensjonijiet u t-tagħmir tal-vetturi bil-mutur;

(ċ) ir-rekwiżiti marbuta mal-ġarr ta' ċerti kategoriji ta' passiġġieri, bħat-tfal ta' l-iskola, tfal u persuni li ma jistgħux jimxu sew;

(d) il-ħin tas-sewqan u l-ħin tal-mistrieħ;

(e) it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq is-servizzi tat-trasport.

Liċenza li trid tinżamm fil-vettura.

97. Il-liċenza Komunitarja jew vera kopja attestata tagħha għandha tinżamm fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u għandha tintwera meta tintalab mill-uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

98. L-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ f'forma ta' servizzi okkażjonali għandhom ikunu koperti b'dokument ta' kontroll – il-formola tal-vjaġġ kif tidher fis-Seba' Skeda – li għandha tinżamm fil-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri u tintwera meta tintalab minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona. Dokumenti ta' kontroll – formoli tal-vjaġġ għal operazzjonijiet okkażjonali ta' kabotaġġ.

Dokument ta' kontroll.

99. Fil-każ ta' servizzi regolari speċjali, il-kuntratt magħmul bejn it-trasportatur u l-organizzatur tat-trasport, jew vera kopja attestata tal-kuntratt, għandu jservi bħala dokument ta' kontroll. Minkejja dan, il-formola tal-vjaġġ għandha timtela f'forma ta' dikjarazzjoni fix-xahar.

Formoli tal-vjaġġ.

100. Il-formoli tal-vjaġġ użati għandhom jiġu ritornati lill-Awtorità skond il-proċeduri li tistabbilixxi hi.

Spezzjonijiet u Kontravenzjonijiet marbuta mas-Servizzi tal-Ġarr Internazzjonali tal-Passiġġieri u Operazzjonijiet tat-Trasport b'Kabotaġġ

Ġenerali.

101. (1) L-awtorizzazzjoni jew id-dokument ta' kontroll għandhom jinżammu fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u għandhom jiġu preżentati meta jintalbu minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona. Fil-każ tas-servizzi regolari speċjali, il-kuntratt jew vera kopja tiegħu attestata għandhom iservu bħala dokument ta' kontroll.

(2) It-trasportaturi li joperaw servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri fit-trasport internazzjonali għall-passiġġieri għandhom iħallu li jsiru l-ispezzjonijiet intiżi biex jiżguraw li l-operat qed isir sew, b'mod partikolari fejn jidħol is-sewqan u l-perjodi tal-mistrieħ. Sabiex jiżguraw li hemm konformità ma' dawn ir-regolamenti, l-uffiċjali li jispezzjonaw għandhom jingħataw is-setgħa li:

(a) jispezzjonaw il-kotba u dokumentazzjoni oħra relatata ma' l-operat ta' l-impriża tat-trasport;

(b) jagħmlu kopji, jew jieħdu estratti minn, kotba u dokumentazzjoni li jkun hemm fil-post;

(ċ) ikollhom aċċess għall-bini, siti u vetturi kollha ta' l-impriża tat-trasport;

(d) jitolbu li jingħataw kull informazzjoni li hemm fil-kotba, dokumentazzjoni jew databases.

Spezzjonijiet fuq il-ġenb tal-moll jew mal-ġenb tat-triq.

102. (1) L-Awtorità għandha tispezzjona l-konformità tat-trasportatur li jkun qed jagħmel servizzi ta' ġarr stradali internazzjonali tal-passiġġieri permezz ta' spezzjonijiet addoċċ magħmula fuq il-ġenb tal-moll, mal-ġenb tat-triq jew fil-bini ta' l-impriża skond id-Direttiva 2006/22/KE.

(2) Dawk l-ispezzjonijiet għandhom isiru minn uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw bl-użu ta' -

(a) tagħmir li kapaċi jiddownlowdja d-data mill-unità tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u l-karta tax-xufier tat-takografu diġitali, jaqra d-data, u janalizza d-data u, jew jitrażmetti s-sejbiet lil database ċentrali biex jiġu analizzati,

(b) tagħmir biex jiċċekkja l-karti tat-takografu.

Elementi ta' spezzjonijiet.

103. L-ispezzjonijiet mal-ġenb tal-moll jew mal-ġenb tat-triq għandhom ikopru:

(a) il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, il-waqfien temporanju u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, kif ukoll l-karti bir-*records* tal-ġranet preċedenti li jridu jinżammu fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u, jew id-data maħżuna għall-istess perjodu fil-karta tax-xufier u, jew fil-memorja tat-tagħmir li jirrekordja u, jew fuq karti stampati;

(b) kull każ fejn tkun inqabżet il-veloċità awtorizzata ta' 100 km fis-siegħa tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt il-ġimgħa preżenti, u f'kull każ ieħor għall-aħħar ġurnata tal-ġimgħa ta' qabel li fiha x-xufier saq il-vettura;

(c) fejn jixraq, il-veloċitajiet momentarji li laħqet il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri kif rekordjat mit-tagħmir tar-recording f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa ta' qabel li fihom intużat il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri;

(d) il-funzjonament tajjeb tat-tagħmir tar-recording, li b'hekk jiġi determinat jekk intużax ħażin l-apparat u, jew il-karta tax-xufier, u, jew il-karti bir-record; u

(e) r-rekwiżiti tekniċi tar-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, id-dimensjonijiet u t-tagħmir għall-vetturi tal-ġarr tal-passiġġieri.

Spezzjonijiet fuq talba ta' l-Awtorità.

104. Għall-finijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti, l-ispezzjonijiet li jsiru skond id-dokumenti rilevanti mogħtija mit-trasportaturi fuq talba ta' l-Awtorità, għandu jkollhom l-istess status bħall-ispezzjonijiet li jsiru fiċ-ċentru minn fejn joperaw.

Dokumenti falsifikati.

105. Fejn tintwera liċenza Komunitarja falsifikata, awtorizzazzjoni falsifikata jew vera kopja falsifikata attestata tagħha, id-dokument falsifikat għandu jiġi irtirat immedjatament u mingħajr il-bżonn għal rikors quddiem il-bord, u fejn jixraq, jiġi mgħoddi minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' fejn hu stabbilit it-trasportatur.

Ikklampjar ta' vettura.

106. Meta jsir reat bi ksur tar-regolamenti 72 sa 78 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi, li hu tat-tip li għandu tendenza ċara li jipperikola s-sigurtà, l-Uffiċjal li Jinforza jista' jikklampja l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri bi ksur jew b'liema ksur sar sakemm il-kawża tal-ksur tkun ġiet rettifikata.

PARTI IX

REATI U PIENI

Proċeduri legali u pieni.

107. (1) Kull persuna li tikser:

(i) Subregolament (1) tar-regolament 5

(ii) Subregolament (5) tar-regolament 6

(iii) Subregolament (6) tar-regolament 6

(iv) regolament 17

(v) Subregolament (6) tar-regolament 22

(vi) Subregolament (1) tar-regolament 27

(vii) Regolament 37

ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, tkun suġġetta għal priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur jew għal multa (multa) ta' mhux aktar

minn tnax-il elf Euro (€12,000), jew kemm għal multa kif ukoll għall-priġunerija. Barra minn hekk, il-Qorti għandha tordna li tiġi revokata immedjatament kull liċenza u, jew permess skond dawn ir-regolamenti li għandha l-persuna li tinstab ħatja ta' dak ir-reat.

(2) Persuna li, bil-għan li tikseb, sew għaliha nnifsha sew għal ħaddieħor, l-għoti jew tiġdid ta' liċenza jew permess skond dawn ir-regolamenti, tagħmel dikjarazzjoni b'dawn ir-regolamenti li taf li hi falza, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinstab ħatja, tkun soġġetta għal priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur jew għal multa (multa) li ma taqbiżx it-tnax-il elf Euro (€12,000), jew kemm il-multa kif ukoll il-priġunerija. Barra minn hekk, il-Qorti għandha tordna li tiġi revokata immedjatament il-liċenza li għaliha saret dikjarazzjoni falza kif ukoll kull liċenza u/jew permess li għandha skond dawn ir-regolamenti l-persuna li nstabet ħatja ta' dak ir-reat.

(3) Persuna li tikser xi regolament li mhux stipulat fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament meta tinstab ħatja, tkun suġġetta għal multa li ma teċċedix tlett elef Euro (€3,000). Barra minn dan, il-Qorti għandha tordna lill-Awtorità biex timponi fuq dik il-persuna punt ta' penali għal kull għaxar Euro (€10) jew parti minnu impost fuq dik il-persuna bħala multa skond dan is-subregolament.

(4) Meta persuna tinstab ħatja ta' kontravenzjoni ta' waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u, jew kull regolament magħmul taħtha, u, jew l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, u, jew kull regolament magħmul taħtu, il-Qorti, it-Tribunal Lokali jew xi awtorità oħra aġġudikanti għandha tinnotifika b'dan lill-Awtorità, u l-Awtorità għandha timponi fuq dik il-persuna punt wieħed ta' penali għal kull għaxar Euro (€10) jew parti minnu impost fuq dik il-persuna bħala multa skond dan is-subregolament.

(5) F'każ li trasportatur jikser xi dispożizzjoni inkluża fir-regolamenti 102 sa 106, l-Awtorità għandha wkoll ikollha s-setgħa li toħroġ twissijiet lil dak it-trasporatur. F'każ ta' ksur serju jew repetut, il-Bord fuq applikazzjoni mill-Awtorità u/jew Qorti tal-Ġurisdizzjoni Kriminali jista' jimponi wkoll fuq dak it-trasportatur projbizzjoni temporanju milli jwettaq operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ f'Malta. Kull penali tista' wkoll tiġi estiża għal irtirar ta' l-awtorizzazzjoni biex wieħed jipprattika l-professjoni ta' operatur tal-ġarr stradali ta' passiġġieri.

(6) Min b'xi mod iżomm jew ifixkel lil xi Uffiċjal li Jinforza jew lil xi uffiċjal ieħor maħtur mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti milli jeżerċita s-setgħat jew id-doveri tiegħu, jew jirrifjuta li jikkonforma mal-ordnijiet jew direttivi li jagħti dak l-Uffiċjal li Jinforza jew uffiċjal fit-twettiq tas-setgħat tiegħu jew ta' dmirijietu, għandu, meta jinstab ħati, ikun suġġett, u mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra, għal multa (multa) ta' mhux anqas minn mija u għoxrin Euro (€120) u mhux aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għall-ewwel akkuża, u għal multa (multa) ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u mhux aktar minn elf u mitejn Euro (€1,200) għal kull akkuża sussegwenti.

Punti ta' Penali u penalitajiet Amministrattivi.

108. (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa fid-diskrezzjoni tagħha li timponi l-penalitajiet amministrattivi preskritti fil-kolonna 2 tad-Disa' Skeda ta' dawn ir-regolamenti u l-punti tal-penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament fuq kull operatur li jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti elenkati fil-kolonna 1 tad-Disa' Skeda.

(2) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa fid-diskrezzjoni tagħha li timponi l-penalitajiet amministrattivi preskritti fil-kolonna 3 tad-Disa' Skeda ta' dawn ir-regolamenti u l-punti tal-penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament fuq kull xufier li jikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti inklużi fil-kolonna 1 tad-Disa' Skeda.

(3) Fejn id-detentur tal-liċenza jew id-detentur ta' permess jikser l-istess dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti f'ħames okkażjonijiet differenti f'perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttiv, l-Awtorità għandha timponi fuq dak il-liċenzjat, flimkien mal-penalitajiet amministrattivi preskritti fid-Disa' Skeda ta' dawn ir-regolamenti u l-punti ta' penali korrispondenti kkalkulati skond is-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, għoxrin punt ta' penali addizzjonali.

(4) L-Awtorità għandha timponi punt ta' penali għal kull għaxar Euro (€10) jew parti minnu impost fuq persuna bħala penali amministrattiva skond dan is-subregolament.

(5) Il-punti tal-penali u l-penalitajiet amministrattivi għandhom jiġu imposti mill-Awtorità mingħajr il-bżonn ta' rikors għal smigħ fil-qorti u jistgħu jiġu imposti bħala penali ta' darba jew ta' kuljum b'mod konsekuttiv sakemm ikunu konformi, dejjem

jekk fil-każ ta' l-aħħar il-penali akkumulata ma taqbiżx l-għaxart elef Euro (€10,000).

(6) L-Awtorità m'għandhiex timponi penalitajiet amministrattivi fuq persuna għal ksur ta' dawn ir-regolamenti f'każ li diġà jkunu nbdew proċeduri kontra din il-persuna minħabba l-ksur imsemmi.

(7) Meta jkunu nkisru r-regolamenti 72 sa 78 ta' dawn ir-regolamenti, it-tnejn inklużi, l-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva skond dawn ir-regolamenti u titlob lix-xufier iħallas depożitu ugwali għal dik il-penali amministrattiva. L-Awtorità għandha tordna lill-Uffiċjal li Jinforza biex jikklampja l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li biha jew fiha sar il-ksur tar-regolamenti sakemm jitħallas għal kollox id-depożitu; dejjem jekk tingħata irċevuta uffiċjali mill-Awtorità lix-xufier biex turi li sar il-ħlas ta' dak id-depożitu. Id-depożitu għandu jiġi rimborsat jekk isir appell mill-persuna li fuqha kienet imposta u l-Bord jirrevoka l-penali amministrattiva imposta fuq dik il-persuna. Meta ma jsir l-ebda appell fiż-żmien stipulat f'dawn ir-regolamenti u jew isir appell u l-Bord jikkonferma l-penali amministrattiva, id-depożitu għandu jitqies mill-Awtorità bħala ħlas ta' dik il-penali amministrattiva.

(8) Meta dawn ir-regolamenti jinkisru minn operatur li huwa persuna naturali, l-Awtorità għandha żżomm responsabbli lill-persuna maħtura speċifikament in solidum ma' l-operatur għall-ħlas ta' kull penali amministrattivi, sakemm il-persuna maħtura speċifikament ma turix li l-att sar mingħajr l-għarfien tagħha u li hi eżerċitat prudenza kif imiss biex iżomm milli jsir dak il-ksur.

(9) Meta l-ksur ta' dawn ir-regolamenti jsir minn persuni fi sħubija, kumpanija jew persuna oħra ġuridika, sew korporattiva jew le, l-Awtorità għandha żżomm kull persuna li fil-ħin li sar il-ksur tar-regolament kienet persuna maħtura speċifikament, direttur, sieħeb jew uffiċjal ieħor simili, jew kienu intenzjonati li jaġixxi f'dik il-kapaċità, jew kienu persuni li kellhom is-setgħa ta' rappreżentazzjoni jew kellhom l-awtorità li jieħdu deċiżjonijiet għan-nom ta' jew kellhom l-awtorità li jeżerċitaw kontroll f'dik is-sħubija, kumpanija jew persuna ġuridika oħra, responsabbli in solidum ma' l-operatur għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta mill-operatur sakemm dik il-persuna ma turix li l-ksur sar mingħajr l-għarfien tagħha u li eżerċitat prudenza kif imiss biex iżżomm milli jsir dak il-ksur.

Twettiq ta' l-istess reat aktar minn darba f'perjodu ta' sitt xhur.

109. Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) tar-regolament 107 u s-subregolament (4) tar-regolament 108 ta' dawn ir-regolamenti, fejn persuna tikser l-istess dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti aktar minn darba f'perjodu ta' sitt (6) xhur konsekuttivi, għandu jkun impost fuqha żewġ punti ta' penali għal kull €10 imposti fuqha b'ordni tal-Qorti skond ir-regolament 107 jew ta' l-Awtorità skond ir-regolament 108, skond il-każ.

Dritt għal appell mill-punti tal-penali u l-penalitajiet amministrattivi.

110. (1) Persuna offiża bid-deċiżjoni ta' l-Awtorità li timponi penalitajiet amministrattivi u l-punti tal-penali korrispondenti tista' fi żmien tletin ġurnata minn meta dik id-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lilha, tressaq appell minnha quddiem il-Bord skond is-Sub-Artikolu 31(1) ta' l-Att.

(2) Il-Bord jista', jikkonferma, jirrevoka jew ibiddel l-penali amministrattiva u l-punti tal-penali korrispondenti imposti mill-Awtorità. Il-penali amministrattiva, jekk teżisti, kif konfermata jew modifikata mill-Bord, u/jew mill-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, f'każ li jsir appell fuq punt ta' liġi skond l-Att, għandha tkun rekuperabbli mill-Awtorità bħal dejn ċivili u d-deċiżjoni tal-Bord jew tal-Qorti ta' l-Appell, skond il-każ, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għar-raġunijiet u l-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u l-Proċeduri Ċivili.

(3) Jekk mat-tiġdid tal-liċenza u/jew permess mogħti skond dawn ir-regolamenti, il-persuna li f'isimha hi mogħtija dik il-liċenza u/jew permess għandha tagħti lill-Awtorità dejn ċivili skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, dik il-liċenza u/jew permess ma jiġġeddux jekk u sakemm dak id-dejn ma jitħallasx kollu.

(4) Jekk waqt li tkun qed issir spezzjoni dwar konformità mill-Awtorità skond is-subregolament (4) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, ikun dovut dejn ċivili mill-operatur lill-Awtorità, il-liċenza relattiva għandha tiġi sospiża mingħajr il-bżonn ta' rikors għand il-Bord sakemm dak id-dejn jitħallas kollu.

L-ebda azzjoni kriminali meta titħallas il-penali amministrattiva.

111. (1) F'każ li l-Awtorità timponi penali amministrattiva skond ir-regolament 108 ta' dawn ir-regolamenti, u l-persuna li

fuqha ġiet imposta dik il-penali, tħallas dik il-penali lill-Awtorità fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tirċievi l-intimazzjoni biex tħallas, ma jinbdew l-ebda proċeduri kriminali kontra l-persuna b'rabta mal-ksur relattiv.

(2) Ma jinbdew l-ebda proċeduri kriminali għall-prosekuzzjoni ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti waqt li jkun hemm appell dwarhom pendenti quddiem il-Bord.

Irtirar tal-liċenza ta' l-operatur.

112. (1) Il-liċenza ta' l-operatur għandha tiġi irtirata mill-Awtorità, mingħajr il-bżonn ta' rikors quddiem il-Bord, jekk f'xi ħin, id-detentur ikun akkumula total ta' ħames mitt (500) punt ta' penali skond dawn ir-regolamenti.

(2) Il-permess tax-xufier għandu jiġi irtirat mill-Awtorità, mingħajr il-bżonn ta' rikors quddiem il-Bord, jekk f'xi ħin, id-detentur ikun akkumula total ta' mitt (100) punt ta' penali skond dawn ir-regolamenti.

(3) F'każ li jintlaħqu u/jew jinqabżu l-limiti msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament, iżda l-impożizzjoni ta' numru ta' punti ta' penali tkun appellata jew tista' tiġi appellata skond dawn ir-regolamenti, il-liċenza u/jew il-permess għandhom jiġu sospiżi sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dak l-appell.

(4) Fejn, f'perjodu ta' sitta u tletin xahar konsekuttiv, operatur jew xufier jeħel inqas minn 16-il punt ta' penali, l-Awtorità tista', ma' l-iskadenza ta' dak il-perjodu, tħassar il-punti tal-penali kollha imposti fuqu skond dawn ir-regolamenti, u tgħarraf lill-operatur jew lix-xufier b'dan.

Sospensjoni jew irtirar tal-liċenza u/jew tal-permess.

113. Fejn ikunu nbdew proċeduri kriminali kontra operatur u/jew xufier, wara li tintemm inkjesta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti ta' l-Investigazzjoni Kriminali, il-liċenza u/jew il-permess ta' dik il-persuna għandhom jiġu sospiża sakemm tingħata sentenza definittiva f'dawk il-proċeduri;

Iżda meta l-operatur u/jew ix-xufier jinstabu ħatja ta' reat li hu għamel il-Qorti għandha tordna li dik il-liċenza u/jew permess ta' dak l-operatur u, jew xufier, jiġu irtirati mill-Awtorità.

Projbizzjoni ta' applikazzjoni għal liċenza u/jew għal permess.

114. Kull persuna li l-liċenza u/jew il-permess tagħha ġew irtirati skond dawn ir-regolamenti u/jew xi regolamenti oħra maħruġa skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma tistax tapplika għal liċenza u/jew għal permess ġdid qabel ma jgħaddi perjodu ta' sentejn mindu ġew irtirati, u l-Awtorità m'għandhiex tqis l-ebda applikazzjoni magħmula li tkun bi ksur ta' dan ir-regolament.

PARTI X

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U TRANSITORJI

Tibdil ta' liċenza ta' garaxx għal servizz pubbliku.

115. Il-persuni li fid-data li fiha jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti għandhom liċenza ta' garaxx għal servizz pubbliku maħruġa skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Vetturi bil-Mutur, għandhom disa' xhur żmien minn meta dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ biex jikkonvertu l-liċenza tal-garaxx għal servizz pubbliku f'liċenza ta' operatur skond dawn ir-regolamenti dejjem jekk japplikaw għand l-Awtorità għal dak it-tibdil fi żmien sitt xhur mindu dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ. Dak it-tibdil għandu jsir mill-Awtorità meta l-persuna tippreżenta provi ta' konformità mal-Parti II ta' dawn ir-regolamenti.

Operazzjoni ta' vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri skond ir-regolament 28.

116. (1) L-operaturi li joperaw vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri liċenzjati skond is-subregolament (3) tar-regolament 28 ta' dawn ir-regolamenti għandhom żmien erbgħa u għoxrin xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti biex iġibu lil dawk il-vetturi konformi mal-paragrafu (f) tas-subregolament 1 tar-regolament 28.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament 2(b) tar-regolament 28, coach li mhix ġdida għandha tinħarġilha liċenza ta' vettura għall-ġarr ta' passiġġieri jekk tkun ġiet manifatturata mhux aktar tard minn għaxar snin qabel l-applikazzjoni għal liċenza tal-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri f'Malta dejjem jekk:

(a) tikkonforma mal-kundizzjonijiet l-oħra kollha imposti b'dawn ir-regolamenti u b'kull leġislazzjoni oħra applikabbli fis-seħħ f'Malta;

(b) l-applikazzjoni għal liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri tiġi sottomessa lill-Awtorità mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014;

(c) l-applikazzjoni tiġi sottomessa minn persuna li għandha liċenza ta' Operatur skond ir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Ġarr Stradali tal-Passiġġieri) (A.L. 160 ta' l-2003);

(d) l-applikant jissottometti, flimkien ma' applikazzjoni għal liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri skond dan ir-regolament, applikazzjoni lill-Awtorità sabiex ineħħi minn fuq ir-reġistru talanqas vettura waħda għall-ġarr tal-passiġġieri, li hi liċenzjata għall-ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew kumpens f'Malta qabel ma dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ.

B'dan illi dik il-coach tintuża biss fl-operazzjonijiet ta' ġarr stradali ta' passiġġieri ta' l-operatur li applika għal liċenza għaliha bħala vettura għat-trasport stradali.

(3) Is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament m'għandux japplika jekk il-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri li trid titneħħa minn fuq ir-reġistru skond il-paragrafu (d) tiegħu kienet xi darba użata bħala motor route bus fil-gżira ta' Malta, jew jekk hi bus mikxufa li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Liċenzi skond ir-regolament 2.

117. (1) Għal perjodu ta' sitt snin mindu dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ, il-ħlas ta' l-applikazzjoni għal liċenza ta' vettura għall-ġarr ta' passiġġieri msemmija fir-regolament 27 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun maqsuma f'żewġ partijiet li huma d-dritt ta' l-applikazzjoni u d-Dritt tad-Dħul, fejn dan japplika kif stipulat fil-Parti 4 ta' l-Għaxar Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Fl-aħħar tal-perjodu msemmi hawn fuq, id-Dritt tad-Dħul ma jibqax japplika, iżda jekk, l-Awtorità, sitt xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin imsemmi f'dan is-subregolament tagħmel konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti ta' l-operaturi sabiex tkun f'pożizzjoni li tanalizza r-riperkussjonijiet li jista' jkun hemm fuq it-tneħħija tad-Dritt tad-Dħul.

(3) Jekk l-applikant flimkien ma' l-applikazzjoni għal liċenza ta' vettura għall-ġarr tal-passiġġieri jissottometti applikazzjoni lill-Awtorità biex ineħħi minn fuq ir-reġistru vettura eżistenti għall-ġarr tal-passiġġieri li hi liċenzjata biex iġorr passiġġieri b'kiri jew kumpens f'Malta qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, id-Dritt tad-Dħul dovut għal dik il-liċenza tal-ġarr ta' passiġġieri għandu jitnaqqas mid-Dritt tad-Dħul li jkun applikabbli fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li tneħħiet minn fuq ir-reġistru kieku kellha tiġi liċenzjata.

(4) Is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament m'għandux japplika jekk il-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri li trid titneħħa minn fuq ir-reġistru kienet xi darba użata bħala motor route bus fil-gżira ta' Malta, jew jekk hi bus mikxufa li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Regolament 31(2) japplika għal vetturi M2 u M3.

118. Is-subregolament (2) tar-regolament 31 għandu japplika għal vetturi M2 u M3 li huma liċenzjati bħala vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri malli jidħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti biss mill-1 ta' Jannar 2015.

Il-vetturi għandhom jikkonformaw mar-regolament 34.

119. Il-vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri liċenzjati biex iġorru passiġġieri b'kiri jew kumpens f'Malta qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, għandhom tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti biex jikkonformaw mar-Regolament 34.

Eżenzjoni mir-regolament 44.

120. Għall-finijiet tar-regolament 44(3), barrier li titwaħħal fuq l-istruzzjonijiet ta' l-Awtorita fuq vann ta' garaxx għas-servizz pubbliku m'għandhiex, għal perjodu ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, titqies bħala oġġett li jimblokka l-ħruġ ta' l-emerġenza ta' tali vettura.

Iżda jekk għall-finijiet ta' dan ir-regolament vann ta' garaxx għas-servizz pubbliku tfisser vettura għall-ġarr ta' passiġġieri, li meta daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti kienet reġistrata hekk skond ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1994).

L-EWWEL SKEDA
(Regolament 7(1)(c))

L-I PARTI

OPERATUR LI JOPERA BĦALA NEGOZJANT WAĦDU / SĦUBIJA

RAPPORT TA' L-ACCOUNTANT

1. Aħna ħejjejna, mingħajr ma wettaqna verifika, rendikont ta' l-affarijiet f'…… (data) mir-reġistri tal-kontijiet ta' ……., minn issa msejjaħ bħala 'd-ditta', li għandha l-indirizz kummerċjali f' ……..…… u minn informazzjoni u spjegazzjonijiet provduti lilna.
2. Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikont ta' l-affarijiet mhux ivverifikati, imsemmi fuq u, partikolarment, l-ammonti u informazzjoni oħra inklużi f' dak ir-rendikont ta' l-affarijiet dwar:

    i. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;
    ii. Assi, inkluża proprjeta', disponibbli biex jipprovdu garanziji;
    iii. Spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizzjali għal vetturi, postijiet, impjanti u tagħmir; u
    iv. Kapital għall-operazzjoni.

Aħna nikkonfermaw illi r-rendikont mhux ivverifikat ta' l-affarijiet tad-ditta f' ……..... (data) juri Assi Totali nieqsa Debiti Totali ta' € ……. f' ……. (data) li, a bażi tal-applikazzjoni għall-liċenzja għal ……. Vetturi € …….. jeċċedu €9000 għall-ewwel vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u €5000 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' operatur.

Ditta ta' Accountants ……..
Indirizz: ……...
……
…….

Firma ta' l-Awditur/Accountant: ……..

Data: …….

i.e. Accountant jew awditur kif definit fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-Accountancy.

IT-2 PARTI

OPERATUR LI JOPERA BĦALA KUMPANNIJA B' RESPONSABILITA' LIMITATA

RAPPORT TA' L-ACCOUNTANT

1) Aħna vverifikajna skond l-*istandards* tal-verifiki ir-rendikonti finanzjarji ta' ……, minn issa msejħa bħala 'l-kumpannija' li għandha uffiċju rreġistrat f'…… għat-terminu/ sena li ntemmet f'…….. (data).

2) Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji kien mingħajr kwalifika.

JEW

Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji, li kien ikkwalifikat, kien kif ġej:

3) Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikonti finanzjarji msemmija hawn fuq u, partikolarmnet, l-l-ammonti u informazzjoni oħra inklużi f' dawk ir-rendikonti finanzjarji , dwar:

   a. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;
   b. Assi, inkluża proprjeta', disponibbli biex tipprovdi garanziji;
   c. Spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizzjali għal vetturi, postijiet, pjanti u tagħmir; u
   d. Kapital għall-operazzjoni.

4) Aħna nikkonfermaw illli l-balance sheet verifikata tal-kumpannija f' …….. (data) turi Kapital u Riservi ta' € ……. , a bażi tal-liċenzja għal …….. vetturi jeċċedi €9,000 għall-ewwel vettura għall-ġarr tal-passiġġieri u €5000 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' operatur.

Ditta ta' Accountants ……..

Indirizz: ……...
……
……

Firma ta' l-Awditur/Accountant: ……..

Data: …….

i.e. Accountant jew awditur kif definit fl-Att dwar il-Professjoni ta' l-Accountancy.

IT-TIENI SKEDA
(Regolament 11)

L-1 PARTI

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI

MALTA

(Karta ħoxna kannella - Format: DIN A4) (Test bil-Malti jew bl-Ingliż)

M **Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI FIT-TRASPORT STRADALI TAL-PASSIĠĠIERI NAZZJONALI [U INTERNAZZJONALI] ([3])

Aħna, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, b' dan niċċertifikaw:

(a) li ([2]) .....

Imwieled f..... f'.....

għadda mit-testijiet ta' l-eżaminazzjoni (sena: .....; sessjoni:.....) ([3]) organizzat għall-għotja taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali fit-trasport tal-passiġġieri nazzjonali [u internazzjonali] ([1]) skond ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġieri.

(b) li l-persuna msemmija f' (a) hija kkwalifikata li taħdem f' kapaċita' professjonali f' intrapriża responsabbli għat-trasport stradali ta` passiġġieri

- involuta biss fit-trasport nazzjonali ([1]),
- involuta fit-trasport internazzjonali ([1]).

Dan iċ-ċertifikat jikkostitwixxi prova suffiċjenti ta' kompetenza professjonali msemmija fir-regolament 11 tar- Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġieri Maħruġ f' ..... , f' .....

.....
Timbru ta' l-Awtorita' u Firma ta' Rappreżentant Awtorizzat

([1]) Ħassar fejn xieraq
([2]) Kunjom u l-ewwel ismijiet, post u data tat-twelid
([3]) Identifikazzjoni ta' l-eżaminazzjoni

IT-TIENI PARTI

ELENKU TA' SUĠĠETTI MSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 11

L-għarfien li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-għarfien uffiċjali ta' kompetenza professjonali mill-Awtorita' għandu jkopri għall-inqas is-suġġetti elenkati hawn taħt għat-trasport tal-passiġġieri. Dwar dawn is-suġġetti, operaturi applikanti tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-art għandu jkollhom il-livelli ta' għarfien u kapaċita' prattika meħtiega għall-ġestjoni ta' impriża tat-trasport.

A. Liġi Ċivili

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mat-tipi ewlenin ta' kuntratt użati fit-trasport stradali, u mad-drittijiet u d-dmirijiet li jirriżultaw minnhom;

2. ikun kapaċi li jinnegozja kuntratt tat-trasport legalment validu, notevolment dwar kundizzjonijiet tal-ġarr;

3.ikun jista' jikkunsidra talba mill-prinċipal tiegħu rigward kumpens għal telf ta' jew ħsara għal beni matul it-trasportazzjoni jew għal konsenja tard, u jifhem kif tali talba tista' taffettwa r-responsabilita' kuntrattwali tiegħu;

4. ikun jista' jikkunsidra talba mill-prinċipal tiegħu rigward kumpens għal inġurja lill-passiġġieri jew ħsara għall-bagalji kkawżati minn aċċident waqt it-trasport, jew dwar kumpens għal dewmien, u jifhem kif tali talba tista' taffettwa r-responsabilita' kuntrattwali tiegħu.

B. Liġi Kummerċjali

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mal-kundizzjonijiet u l-formalitajiet stabbiliti għat-twettiq tan-negozju, id-dmirijiet inkumbenti fuq l-operaturi tat-trasport (reġistrazzjoni, li jinżammu r-records, eċċ), u l-konsegwenzi tal-falliment;

2. ikollu għarfien xieraq tal-forom varji ta' kumpanniji kummerċjali u r-regoli li jiggvernaw il-kostituzzjoni u l-operat tagħhom.

C. Liġi Soċjali

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mar-rwol u l-funzjoni ta' l-istituzzjonijiet soċjali varji li huma kkoncernati bit-trasport stradali (trade unions, kunsilli tax-xogħol, stewards tal-ħwienet, spetturi tal-ħidma, eċċ.);

2. ikun familjari mal-obbligi ta' min jimpjega dwar sigurta' soċjali;

3. ikun familjari mar-regoli li jiggvernaw kuntratti ta' appalt għall-kategoriji differenti ta' ħaddiema impjegati minn intrapriżi tat-trasport fuq l-art (forma tal-kuntratti, dmirjiet tal-partijiet, kundizzjonijiet tax-xogħol u sigħat tax-xogħol, vaganzi mħallsa, remunerazzjoni, vjolazzjoni tal-kuntratt, eċċ.);

4. ikun familjari mad-dispożizzjonijiet tar- Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġieri u r-Regolamenti dwar il-Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur u l-arranġamenti prattiċi għall-implementazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti

D. Liġi Fiskali

L-applikant għandu, partikolarment, ikun familjari mar-regoli li jiggvernaw:

1. VAT fuq servizzi tat-trasport;
2. taxxa fuq vetturi bil-mutur;
3. it-taxxi fuq xi vetturi tal-ġarr tal-merkanzija u n-nolijiet u tariffi għall-utenti ta' l-infrastruttura
4. taxxa fuq l-income.

E. Gestjoni negozjali u finanzjarja ta' l-impriża

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mal-liġijiet u l-prattiki dwar l-użu ta' ċekkijiet, kambjali, *promissory notes*, karti tal-kreditu u mezzi jew metodi oħrajn tal-ħlas;

2. ikun familjari mal-forom varji ta' kreditu (kreditu mal-bank, kreditu dokumentarju, deopożiti ta' garanzija, *mortgages*, kera, lokazzjoni, *factoring*, eċċ.) u mat-tariffi u d-dmirijiet li jirriżultaw minnhom;

3. ikun jaf x' inhi *balance sheet,* kif tkun imqassma u kif jinterpretaha;

4. ikun jaf jaqra u jinterpreta kont ta' qligh u telf;

5. ikun jaf jevalwa l-profitabilita' ta' l-impriża u l-pożizzjoni finanzjarja tagħha, partikolarment abbażi ta' proporzjonijiet finanzjarji

6. ikun jista' jhejji budget;

7. ikun familjari mal-elementi ta' spejjeż (spejjeż fissi, spejjeż varjabbli, kapitali ta' l-operati, deprezzament, eċċ) ta' l-impriża tiegħu, u jkun kapaċi jikkalkula l-ispejjeż ta' kull vettura għal kull kilometru, kull vjaġġ jew kull tunnellata;

8. ikun jista' jagħmel pjan ta' l-organizzazzjoni dwar il-ħaddiema ta' l-intrapriża kollha u li jorganizza pjanijiet tax-xogħol, eċċ.;

9. ikun familjari mal-prinċipji tan-negozjar, pubbliċita' u relazzjonijiet pubbliċi, inkluża l-promozzjoni tal-bejgħ ta' servizzi tat-trasport u l-preparazzjoni tal-*files* tal-klijenti, eċċ.;

10. ikun familjari mat-tipi differenti ta' assikurazzjoni dwar trasport fuq l-art (responsabilita', assikurazzjoni dwar inġurja aċċidentali/ħajja, assikurazzjoni mhux dwar ħajja u tal-bagalji) u mal-garanziji u d-dmirjijet li jirriżultaw minnhom;

11. ikun familjari ma'l-applikazzjonijiet tat-trażmissjoni ta' l-informazzjoni *(data)* elettronika fit-trasport stradali;

12. ikun jista' japplika r-regoli li jiggvernaw nolijiet u pprezzar fit-trasport tal-passiġġieri privat u pubbliku;

13. ikun jista' japplika r-regoli li jiggvernaw fatturar tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri stradali.

F. Aċċess għas-suq

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mar-regolamenti tax-xogħol li jirregolaw trasport stradali b' kiri jew b'kumpens, kiri tal-vetturi industrijali u sub-kuntrattar, u partikolarment ir-regoli li jiggvernaw l-organizzazzjoni uffiċjali ta' l-okkupazzjoni, ammissjoni għall-okkupazzjoni, awtorizzazzjoni għal operazzjonijiet tat-trasport fuq l-art intra- u extra- Komunitarju, ispezzjonijiet u sanzjonijiet;

2. ikun familjari mar-regoli biex jistabbilixxi impriża għat-trasport fuq l-art

3. ikun familjari mad-dokumenti varji meħtieġa għall-operazzjoni ta' servizzi tat-trasport fuq l-art u jkun kapaċi li jintroduċi proċeduri ta' verifika biex jaċċerta li d-dokumenti approvati dwar kull operazzjoni tat-trasport, u partikolarment dawk dwar il-vettura, ix-xufier, il-merkanzija u l-bagalji jinżammu kemm fil-vettura kif ukoll fil-post ta' l-impriża;

4. ikun familjari mar-regoli dwar l-organizzazzjoni tas-suq fit-trasport tal-passiġġieri fuq l-art

5. ikun familjari mar-regoli għall-introduzzjoni ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-art u jkun jista' jagħmel pjanijiet tat-trasport.

G. Standardi tekniċi u aspetti ta' l-operat

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mar-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi fl-Istati Membri u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f' każ ta' tagħbijiet mhux normali li jikkostitwixxu eċċezzjoni għal dawn ir-regoli;

2. ikun jista' jagħżel vetturi u l-komponenti tagħhom (*chassis*, makna, sistema ta' trażmiżżjoni, sistema ta' brejkijiet, eċċ.) skond il-ħtiġijiet ta' l-impriża;

3. ikun familjari mal-formalitajiet dwar approvazzjoni dwar tip, reġistrazzjoni u ispezzjoni teknika ta' dawn il-vetturi;

4. jifhem liema passi għandhom jittieħdu biex jitnaqqas l-istrobju u jikkombatti l-inkwinament ta' l-arja minn emissjonijiet ta'l-exhaust tal-vetturi bil-mutur;

5. ikun jista' jipprepara pjanijiet għall-manutenzjoni perjodika għall-vetturi u t-tagħmir tagħhom;

H. Sigurta' fit-triq

L-applikant għandu, partikolarment:

1. jaf liema kwalifiki huma meħtieġa għax-xufiera (liċenzja tas-sewqan, ċertifikati mediċi, ċertifikati tas-saħħa, eċċ.);

2. ikun jista' jieħu l-passi meħtieġa bies jiżgura li x-xufiera jikkonformaw mar-regoli tat-traffiku, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fis-seħħ fi Stati Membri differeni (limiti tal-veloċita', prioritajiet, restrizzjonjiet dwar mistennija u parkeġġjar, użu tad-dwal, sinjali tat-toroq, eċċ.);

3. ikun jista' jaħmel istruzzjonijiet għas-sewwieq biex jivverifikaw il-konformita' tagħhom mar-rekwiżiti tas-sigurta' dwar il-kundizzjoni tal-vetturi, it-tagħmir u t-tagħbija tagħhom, u dwar miżuri preventivi li għandhom jittieħdu;

4. ikun jista' jistabbilixxi proċeduri li għandhom jiġu segwiti f' każ ta' inċident u jimplementa proċeduri xierqa biex jipprevjeni s-seħħ mill-ġdid ta' inċidenti jew reati serji tat-traffiku;

5. ikollu għarfien elementari tal-forma tal-pjan tat-toroq fl-Istati Membri.

ORGANIZZAZZJONI TA' L-EŻAMI

1. L-Awtorita' għandha torganizza eżami obbligatorju bil-miktub li jista' jiġi ssupplementat minn eżami orali mhux obbligatorju sabiex tistabbilixxi jekk operaturi applikanti tat-trasport fit-toroq akkwistawx il-livell meħtieġ ta' għarfien fis-suġġetti elenkati fl-I Parti, partikolarment il-kapaċita' tagħhom li jużaw l-istrumenti u t-tekniċi relatati magħhom u li jwettqu d-dmirijiet korrispondenti esekutivi u koordinativi.

(a) L-eżami obbligatorju bil-miktub għandu jinvolvi żewġ testijiet, u ċjoe' :

- mistoqsijiet bil-miktub li jikkonsistu jew f'mistoqsijiet bil-*multiple choice* (kull waħda b'erba' risposti possibbli), mistoqsijiet li jirrekjedu risposta diretta jew kombinazzjoni taż-żewġ sistemi,

- eżerċizzji bil-miktub u studji ta' każi.

It-tul minimu ta' kull test huwa ta' sagħtejn.

(b) Fejn jiġi organizzat eżami orali, l-Awtorita' tista' tistipola li l-parteċipazzjoni hija b' kundizzjoni li l-eżami bil-miktbu ġie kkompletat b' suċċess.

2.1 Fejn l-Awtorita' torganizza wkoll eżami orali, għandha tipprovdi, dwar kull wieħed mit-tliet testijiet, għal piz ta' marki ta' mhux anqas minn 25% u mhux aktar minn 40% tat-total tal-marki li għandhom jingħataw.

2.2 Fejn l-Awtorita' torganizza biss eżami bil-miktub, għandha tipprovdi, dwar kull test, għandha tipprovdi, dwar kull test, għal piz ta' marki ta' mhux anqas minn 40% u mhux aktar minn 60% tat-total tal-marki li għandhom jingħataw.

3. Dwar it-testijiet kollha, l-applikanti għandhom jiksbu medja ta' mhux inqas minn 60% tat-total tal-marki li għandhom jingħataw, u f'kull test jiksbu mhux inqas minn 50% tat-total tal-marki possibbli. F'test wieħed biss, l-Awtorita' tista' tnaqqas dik il-marka minn 50% għal 40%.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 72)

TAĦRIĠ MINIMU MEĦTIEĠ GĦALL-GĦOTJA TA' ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI GĦAL XUFIERA INTERNAZZJONALI FIL-ĠARR TAL-PASSIĠĠIERI

_____

It-taħriġ li jwassal għall-għotja ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali għandu jinkludi għall-inqas is-suġġetti li ġejjin, sa fejn dawn mhumiex diġa' koperti minn taħriġ għal liċenzja tas-sewqan skond ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tas-Sewqan tal-Vetturi bil-Mutur.

1. Għarfien tal-binja u l-partijiet komponenti ewlenin ta' vettura

1.1. Għarfien tal-binja u l-ħidma ta':

- Makni ta' kombustjoni interni,
- Sistemi ta' lubrikazzjoni u tkessiħ
- Is-sistema tal-karburanti
- Is-sistema elettrika,
- Is-sistema ta' injizzjoni
- Is-sistema ta' trażmissjoni (clutch, gearbox, eċċ.)

1.2. Għarfien ġenerali ta' lubrikazzjoni u protezzjoni antifreeze
1.3. Għarfien tal-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu waqt it-tneħħija u s-sostituzzjoni tar-roti
1.4. Għarfien tal-bini, attrezzar, użu korrett u kura tat-*tyres*
1.5. Għarfien tat-tipi, l-operat, partijiet ewlenin, konnessjoni, użu u mantenuzzjoni ta' kuljum tat-tagħmir tal-brejkiejiet u għarfien ta' *coupling systems*
1.6. Għarfien ta' metodi ta' sejba ta' raġunijiet ta' *breakdowns*
1.7. Għarfien ta' kif jissewwew *breakdowns* zgħar bl-għajnuna ta' tagħmir korrett
1.8. Għarfien ġenerali ta' mantenuzzjoni preventiva ta' vetturi u tiswijiet kurrenti meħtieġa.

2. Għarfien ġenerali ta' proċeduri tat-trasport u amministrativi

2.1. Abilita ġenerali u għarfien ġeografiku suffiċjenti biex juża mapep tat-toroq u l-indiċijiet tagħhom
2.2. L-użu ekonomiku tal-vetturi
2.3. Għarfien tal-passi li għandhom jittieħdu f' każ ta' indcident jew ġrajja simili (eż. nar) dwar assikurazzjoni tal-vettura
2.4. Għarfien tal-leġiżlazzjoni li tgħodd għax-xufiera tal-vetturi tat-trasport tal-passiġġieri
2.5. Għarfien tar-responsabbilta' tax-xufiera dwar il-garr tal-passiġġieri
2.6. Għarfien ta' dokumenti tal-vetturi u tat-trasport meħtieġa għall-ġarr nazzjonali u internazzjonali tal-passigieri

3. Esperjenza ta' sewqan ta' vetturi ghall-ġarr tal-passiġġieri

3.1. Esperjenza prattika tas-sewqan u manovrar ta' vetturi bil-mutur M2 u/jew M3

IR-RABA' SKEDA
(Regolament 79)

KOMUNITA' EWROPEA

(a)

(B' saħħtu, blu – DIN A4)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(Test bl-Ingliż jew bil-Malti)

M	Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

LIĊENZA NRU…

Għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri b'vettura M2 jew/u vettura M3 b' kiri jew b' kumpens

Min għandu din il-liċenzja ……

……..

……
(isem jew isem kummerċjali sħiħ tal-Operatur)

hu awtorizzat li jwettaq ġarr stradali internazzjonali tal-passiġġieri b' kiri jew b'kumpens fit-territorju tal-Komunita' skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġieri u skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liċenza.

Kummenti: ……

……

……

……

Din il-liċenza hija valida minn …….. sa ……

Maħruġa f' ……. f' ……

……..
Firma u timbru ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

(It-tieni paġna tal-liċenza)
Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Din il-liċenza hi maħruġa skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 tas-16 ta' Marzu 1992 dwar regoli komuni għall-ġarr internazzjonali ta' passiġġieri b'vetturi għat-trasport ta' passiġġieri, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 11/98.

2. Din il-liċenza tinħareġ mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta lill-Operatur li:

   - hu awtorizzat li jopera fil-ġarr tal-passiġġieri permezz ta' servizzi regolari, inklużi servizzi regolari speċjali jew servizzi okkażjonali b'vetturi għal ġarr tal-passiġġieri,

   - jissodisfa l-kundizzjonijiet li jinsabu fir-regoli tal-Komunità biex persuna tinvolvi ruħha fl-okkupazzjoni tat-trasport stradali tal-passiġġieri f'operazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali,

   - jissodisfa r-rekwiżiti dwar is-sigurtà stradali fir-rigward ta' *standards* li japplikaw għax-xufiera u għall-vetturi.

3. Din il-liċenza tippermetti l-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri b'vetturi għal ġarr tal-passiġġieri b'kiri jew b'kumpens permezz ta' kwalunkwe rotta għal vjaġġi li jsiru fit-territorju tal-Komunità:

   - meta l-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni jkunu jinsabu f'żewġ Stati Membri differenti, bi jew mingħajr transitu minn Stat Membru jew aktar jew minn pajjiżi li m'humiex membri,

   - minn Stat Membru lejn pajjiż li ma hux membru u viċi versa, bi jew mingħajr transitu minn Stat Membru jew aktar, jew minn pajjiżi li m'humiex membri,

   - bejn pajjiżi li m'humiex membri bi transitu mit-territorju ta' Stat Membru jew aktar,

   u vjaġġi mingħajr passiġġieri b'konnesjoni ma' operazzjonijiet ta' trasport skond il-kondizzjonijiet li hemm fir-Regolament (KEE) Nru 684/92.

   Fir-rigward ta' operazzjoni ta' trasport minn Stat Membru għal pajjiż li ma hux membru u viċi versa, japplika r-Regolament (KEE) Nru 684/92 għall-vjaġġ li jsir fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn ikunu ttellgħu jew tniżżlu l-passiġġieri, sakemm isir il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż li m'hux membru konċernat.

4. Din il-liċenza hi waħda personali u m'hix trasferibbli.

5. Din il-liċenza tista' tiġi rtirata mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta b'mod partikolari fejn l-Operatur:

   - ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet li hemm fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 684/92,

   - ikun għadda informazzjoni żbaljata fir-rigward tat-tagħrif meħtieġ għall-ħruġ jew għat-tiġdid tal-liċenza,

   - ikun għamel xi ksur serju tar-regolamenti dwar sigurtà fit-toroq, partikolarment fir-rigward ta' regoli li japplikaw għall-vetturi, sewqan u ħinijiet tal-mistrieħ tax-xufier u l-provvista, mingħajr awtorizzazzjoni, ta' servizzi paralleli jew temporanji skond l-Artikolu 2(1.3) tar-Regolament Nru 684/92. L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tista'fost affarijiet oħra, tirtira l-liċenza tal-Komunità jew tirtira temporanjament u, jew parzjalment il-kopji veri attestati tal-liċenza tal-Komunità.

   Il-penalitajiet jiġu determinati skond il-gravità tar-reat imwettaq mid-detentur tal-liċenza tal-Komunità u n-numru totali ta' kopji veri attestati li hu jkollu fir-rigward tan-negozju internazzjonali tiegħu.

6. Il-liċenza oriġinali għandha tinżamm mill-Operatur. Kopja vera attestata għandha tinġarr fil-vettura li tkun qed tagħmel servizz internazzjonali ta' trasport.

7. Il-liċenza għandha tintwera kull meta tintalab minn xi uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

8. Id-detentur għandu, meta jkun fit-territorju ta' xi Stat Membru, joqgħod għal-liġijiet, regolamenti u miżuri amministrattivi li jkunu fis-seħħ f 'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u tat-traffiku.

VERŻJONI ELETTRONIKA

9. ‘Servizzi regolari’ tfisser servizzi li jipprovdu għall-Ġarr ta’ passiġġieri f’intervalli speċifikati f’rotot speċifikati, u fejn il-passiġġieri jitilgħu u jinżlu f’postijiet ta’ waqfien determinati minn qabel.

Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħin għal kulħadd, soġġetti, fejn xieraq, għal riservi obbligatorji.

In-natura regolari tas-servizz ma għandha tintlaqat minn ebda tibdil fil-kondizzjonijiet li taħthom ikun qed jopera s-servizz.

Is-servizzi regolari jeħtieġu awtorizzazzjoni.

‘Servizzi regolari speċjali’ tfisser servizzi regolari li jipprovdu għall-Ġarr ta’ kategoriji speċifikati ta’ passiġġieri, bl-esklużjoni ta’ passiġġieri oħra, f’intervalli speċifikati tul rotot speċifikati, fejn il-passiġġieri jittellgħu u jitniżżlu f’postijiet ta’ waqfien determinati minn qabel.

Servizzi regolari speċjali jinkludu:

(*a*) il-Ġarr ta’ ħaddiema bejn id-dar u l-post tax-xogħol;
(*b*) il-Ġarr ta’ tfal ta’ l-iskola u studenti minn u lejn l-istituzzjonijiet edukattivi;
(ċ) il-Ġarr ta’ suldati u l-familji tagħhom bejn id-dar tagħhom u l-inħawi tal-kwartieri tagħhom.

Il-fatt li servizz speċjali jista’ jvarja skond il-ħtiġiet ta’ l-utenti m’għandux jolqot il-klassifikazzjoni tiegħu bħala servizz regolari.

Is-servizzi regolari speċjali ma jeħtiġux awtorizzazzjoni jekk ikunu koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u t-trasportatur.

L-organizzazzjoni ta’ servizzi paralleli jew temporanji, li jservu lill-istess pubbliku bħas-servizzi regolari eżistenti, tkun teħtieġ awtorizzazzjoni.

‘Servizzi okkażjonali’ tfisser servizzi li ma jaqgħux taħt it-tifsira ta’ servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika ewlenija tagħhom tkun li jġorru gruppi ffurmati bl-inizjattiva ta’ klijent jew tal-Operatur innifsu. L-organizzazzjoni ta’ servizzi paralleli jew temporanji komparabbli ma’ servizzi regolari eżistenti u li jservu lill-istess pubbliku bħas-servizzi regolari għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni skond il-procedura li hemm fit-Tieni Taqsima tar-Regolament (KEE) Nru 684/92. Dawn is-servizzi ma jiqfux milli jkunu servizzi okkażjonali sempliċement għaliex jiġu pprovduti f’ċerti intervalli.

Servizzi okkażjonali ma jeħtiġux awtorizzazzjoni.

IL-ĦAMES SKEDA
(Regolament 83)

AWTORIZZAZZJONI GĦAL SERVIZZI REGOLARI

U SERVIZZI REGOLARI SPEĊJALI

(L-ewwel paġna ta' Awtorizzazzjoni Nru ……)

MALTA (M) Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

AWTORIZZAZZJONI Nru ……

Għal servizz regolari ([1]) għal servizz regolari speċjali mhux liberalizzat

B' vetturi tat-trasport ta' passiġġieri skont ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta` Ġarr ta` Passiġġieri

Lil:..... (Kunjom, isem jew isem kummerċjali tat-trasportatur jew it-trasportatur ġestitur f' każ ta' assoċjazzjoni ta' intrapriżi)

Indirizz: ..... Tel. u *fax*: .....

Isem, indirizz, numri tat-telefon u l-*fax* ta' assoċjati jew membri ta' l-assoċjazzjoni ta' impriżi *(pool)* u subkontratturi:

(1) .....

(2) .....

(3).....

(4).....

(5) .....

Lista annessa, jekk xieraq ……..

Data ta' meta tagħlaq l-awtorizzazzjoni: .....

..... (Post u data ta' ħruġ)

.....
(Timbru ta' l-Awtorita' u firma tar-rappreżentant awtorizzat)

([1]) Ħaasar fejn xieraq

VERŻJONI ELETTRONIKA

(It-tieni paġna ta' l-awtorizzazzjoni Nru ……)

1. Rotta

(a) Post tat-tluq tas-servizz: .....

(b) Post tad-destinazzjoni tas-servizz: .....

(c) Itinerarju prinċipali, bil-postijiet tal-ġbir u tniżżil tal-passiġġieri sottolineati: .....
……..
……..
……
……
……
……
……

2. Perijodi ta' ħidma: .....
……
……

3. Frekwenza:.....

4. Skeda: .....

S. Servizz regolari speċjali:

- Kategorija ta' passiġġieri : .....

6. Kodizzjonijiet jew punti speċjali oħrajn:

……
……
……
……
……

.....
(Timbru ta' l-Awtorita')

(It-tielet paġna ta' l-awtorizzazzjoni)

Avviż importanti

1. Din l-awtorizzazzjoni hi valida għall-vjaġġ sħiħ. Ma tistax tintuża ħlief minn parti li isimha jidher fuqha.

2. L-awtorizzazzjoni jew kopja vera attestata mill-awtorita' li ħarġitha għandha tinżamm fuq il-vettura għal kemmidum il-vjaġġ u tiġi ppreżentata lil uffiċjali ta' infurzar meta jitolbuha.

3. Kopja vera attestata tal-Liċenza Komunitarja għandha tinżamm fuq il-vettura .

IS-SITT SKEDA
(Regolament 87)

APPLIKAZZJONI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI GĦAL SERVIZZI REGOLARI

APPLIKAZZJONI:

BIEX JINBEDA SERVIZZ REGOLARI

BIEX JINBEDA SERVIZZ REGOLARI SPEĊJALI

BIEX TIĠĠEDDED AWTORIZZAZZJONI GĦAL SERVIZZ (Immarka kif xieraq)

imwettaq minn vetturi għall-ġarr tal-passiġieri skont ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

Lil: **Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

1. Kunjom u isem jew isem kummerċjali ta' l-applikant u, fejn xieraq, it-trasportatur ġestitur f' każ ta' assoċjazzjoni (*pool*):

.....

2. Servizz(i) mwettqa (immarka kif xieraq):

minn intrapriża bħala membru ta' assoċjazzjoni (*pool*) bħala subkontrattur

3. Ismijiet u indirizz tat-trasportatur, trasportaturi assoċjati jew subkontratturi

3.1. ..... tel. .....

3.2. ..... tel. .....

3.3..... tel.....

3.4. ..... tel. .....

Indika f' kull każ jekk membru ta' assoċjazzjoni jew subkontrattur. Waħħal lista jekk applikabbli.

(It-tieni paġna ta' l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni)

4. F' każ ta' servizz regolari speċjali:

4.1. Kategorija ta' passiġġieri.....

5. Durata ta' l-awtorizzazzjoni mitluba jew id-data meta jintemm is-servizz:

6. Rotta prinċipali tas-servizz (inkludi l-postijiet fejn jinġabru l-passiġġieri):

7. Perijodu ta' l-operat:

8. Frekwenza (kuljim, kull ġimgħa, eċċ.).....

9. Nolijiet: ..... Anness miżjud

10. Inkludi skeda tas-sewqan biex tista' tiġi vverifikata l-konformita ma' leġiżlazzjoni relevanti dwar ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ

11. Numru ta' awtorizzazzjonijiet jew kopji ta awtorizzazzjonijiet mitluba ([1]):

12. Informazzjoni oħra:

13. ....

(Post u data) (Firma ta' l-applikant)

([1]) L-attenzjoni ta' l-applikant hija miġbuda lejn il-fatt li, minħabba li l-awtorizzazzjoni trid tinżamm fuq il-vettura, in-numru ta' awtorizzazzjonijiet li l-applikant għandu jkollu għandu jikkorrispondi għan-numru ta' vetturi meħtieġa għat-twettiq tas-servizz mitlub fl-istess ħin.

(It-tielet paġna ta' l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni)

Avviż importanti

1. Is-segwenti għandhom jiġu annessi ma' l-applikazzjoni, fejn xieraq:

   (a) l-iskeda;
   (b) rati ta' nolijiet;
   (c) kopja vera attestata tal-Liċenza Komunitarja għall ġarr internazzjonali stradali tal-passiġġieri b' kiri jew b' kumpens;
   (d) informazzjoni dwar it-tip u l-volum tas-servizz li l-applikant qed jippjana li jipprovdi f' każ ta' servizz ġdid, jew li ġie provdut f' każ ta' tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni;
   (e) mappa fuq skala xierqa li fuqha hemm immarkati r-rotta u l-postijiet tal-waqfien li fihom jitligħu jew jinżlu l-passiġġieri;
   (f) skeda tas-sewqan li tippermetti verifika tal-konformita' mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar perijodi tas-sewqan u tal-mistrieħ.

2. L-applikanti għandhom jipprovdu informazzjoni oħra li tappoġġa l-applikazzjoni tagħhom li huma jikkunsidraw rilevanti jew li tintalab mill-Awtorita'.

3. Ir-Regolamenti dwar il-Servizzi ta Ġarr ta' Passiġġieri jgħidu li s-servizzi segwenti huma soġġetti għal awtorizzazzjoni:

   (a) servizzi regolari, servizzi li jipprovdu għall-ġarr tal-passiġġieri f' intervalli speċifikati fuq rotot speċifikati, u l-passiġġieri jitilgħu u jinżlu f'postijiet tal-waqfien predeterminati. Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, bla ħsara, fejn xieraq, għal riserva obbligatorja. In-natura regolari tas-servizz mhix effettwata bl-ebda aġġustament għall-kondizzjonijiet ta' l-operat tas-servizz;

   (b) servizzi regolari speċjali li m'humiex koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u t-trasportatur. Is-servizzi, organizzati minn kull persuna, li jipprovdu għall-ġarr ta' kategoriji speċifikati ta' persuni u li jeskludu passiġġieri oħrajn sa fejn dawn is-servizzi huma operati taħt il-kundizzjonijiet ta' servizzi regolari, jitqiesu bħala servizzi regolari. Dawn is-servizzi minn hawn il quddiem jissejħu "servizzi regolari speċjali". Servizzi regolari speċjali jinkludu:

      (i) Il-ġarr tal-passiġġieri bejn id-dar u x-xogħol;
      (ii) Il-ġarr sa u mill-istituzzjoni edukattiva għat-tfal ta' l-iskola u studenti;
      (iii) Il-ġarr tas-suldati u l-familji tagħhom bejn l-Istat ta' oriġini tagħhom u ż-żona tal-kwartier tagħhom.

   Il-fatt li servizz regolari speċjali jista' jiġi varjat skond il-ħtiġiet ta' l-utenti ma jaffettwax il-klassifika tiegħu bħala servizz regolari speċjali.

4. L-applikazzjoni għandha ssir lill-Awtorita' meta s-servizz jitlaq minn Malta.

5. L-itwal zmien ta' validita' ta' l-awtorizzazzjoni huwa ta' ħames snin.

IS-SEBA' SKEDA

(Regolament 90 u 98)

FORMOLA TAL-VJAĠĠ GĦAL SERVIZZI OKKAŻJONALI

1. Il-formoli tal-vjaġġ għandhom ikunu f'kotba ta' 25 formola skond il-formola għawn taħt, duplikati u li jistgħu jinqalgħu. Kull ktieb għandu jkollu numru. Il-formoli ghandhom ikunu wkoll enumerate minn 1 sa 25. Il-qoxra tal-ktieb għandha tkun skont il-formola hwan taħt. Għandhom ikunu fl-isem tat-trasportatur u mhumiex trasferibbli.

2. L-Awtorita' għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex taddatta dawn ir-rekwiżiti għall-iproċessar bil-kompjuter tal-formoli tal-vjaġġ.

3. (1) Il-formola tal-vjaġġ għandha timtela b' mod leġibbli, b' ittri li ma jitħassrux, duplikatament, jew mit-trasportatur jew mix-xufier għal kull vjaġġ qabel it-tluq. Għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu.

   (2) Il-kopja ta' fuq tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-vettura għall-vjaġġ kollu li tirreferi għalih. Għandha tinżamm kopja fl-uffiċju rreġistrat tal-kumpannija.

   (3) It-trasportatur huwa responsabbli li jżomm il-formoli tal-vjaġġ.

4. Fil-każ ta' servizz internazzjonali okkażjonali pprovdut minn grupp ta' trasportaturi li jaġixxu għall-istess kuntrattur, u li jista jinkludi l-passiġieri li jagħmlu konnessjoni *en route* ma' trasportatur mill-istess grupp, l-oriġinali tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura li qed twettaq is-servizz. Kopja tal-formola għandha tinżamm fil-bażi ta' kull trasportatur.

5. (1) Kopji tal-formoli tal-vjaġġ użati bħala dokumenti ta' kontroll għal servizzi okkażjonali b'kabotaġġ skond ir-regolament 77 għandhom jintraddu mit-trasportatur lill-awtorita' jew aġenzija kompetenti fil-pajjiż fejn hu stabbilit skond il-proċeduri stabbiliti minn dik l-awtorita' jew aġenzija.

   (2) Fil-każ ta' servizzi regolari speċjali b'kabotaġġ skond ir-regolament 98, il-formola tal-vjaġġ għandha timtela bħala rendikont ta' kull xahar u tintradd mit-trasportatur lill-awtorita' jew aġenzija kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit skond il-proċeduri stabbiliti minn dik l-awtorita' jew aġenzija

6. Il-formola tal-vjaġġ tippermetti lill-utenti reġistrat f'Malta, fil-kuntest ta' servizz internazzjonali okkażjonali, li jwettaq eskursjonijiet lokali fi Stat Membru, jew trasportatur reġistrat fi Stat Membru li jwettaq eskursjonijiet lokali f' Malta, skond il-kondizzjonijiet ta' regolament 82. L-eskursjonijiet lokali għandhom jiddaħħlu fil-formoli tal-vjaġġ qabel it-tluq tal-vettura fl-eskursjoni in kwistjoni. L-oriġinali tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura matul l-eskursjoni lokali kollu.

7. Id-dokument ta' kontroll għandu jiġi ppreżentat lil uffiċjal ta' infurzar meta mitlub minnu.

FORMOLA TAL-VJAĠĠ GĦAL SERVIZZI OKKAŻJONALI

ANNEX I

EN **JOURNEY FORM — MODEL** No .....

(Light green paper — A4)

INTERNATIONAL OCCASIONAL SERVICES and OCCASIONAL SERVICES IN THE FORM OF CABOTAGE

(Each item, if necessary, can be supplemented on a separate sheet)

1	Registration number of the coach	..... Place, date and signature of the carrier
2	Carrier and, where appropriate, subcontractor or group of carriers	1 ..... 2 ..... 3 .....
3	Name of driver(s)	1 ..... 2 ..... 3 .....
4	Organisation or person responsible for the occasional service	1 ..... 3 ..... 2 ..... 4 .....
5	**Type of service**	☐ International occasional service ☐ Occasional service in the form of cabotage ☐ Special regular services in the form of cabotage — monthly statement Month ..... Year .....
6	Place of departure of service: ..... Country: ..... Place of destination of service: ..... Country:	

7

Journey	Route / Daily stages and/or passenger pick-up or set-down points				Planned km
Dates	from →	to →	number of passengers	empty (mark with an X)	

8

Connection points, if any, with another carrier in the same group	Number of passengers set down	Final destination of the passengers set down	Carrier picking up the passengers

9 **Local excursions**

Date	Planned km	Place of departure	Place of excursion	No of passengers

10 **Unforeseen changes**

.....

Ktieb tal-formoli tal-vjaġġ

Malta (M) Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

Ktieb Nru …..

Tal-formoli tal-vjaġġ

(a) għal servizzi internazzjonali okkażjonali b' vetturi għas-servizz tat-trasport ta' passiġġieri maħruġ skond ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri.

(b) għal servizzi okkażjonali b' vetturi għat-trasport ta' Passiġġieri b'kabotaġġ imwettqa fi Stat Membru, maħruġ abbażi tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

Lil: .....

(Kunjom u isem jew isem kummerċjali tat-trasportatur)

……..

……

……

……

……

(Indirizz sħiħ, u nurmi tat-telefon u tal-fax)

....

(Post u data tal-ħruġ) (Firma u timbru ta' l-Awtorita')

It-tieni paġna
Avviż Importanti

A. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI KEMM GĦAL SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI U SERVIZZI OKKAŻJONALI B'KABOTAĠĠ

1. Ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jirrikjedu li s-servizzi okkażjonali jiġu koperti minn document ta' kontroll - formola tal-vjaġġ.

2. Ir-Regolamenti jiddefinixxu s-servizzi okkażjonali bħala servizzi "li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika ewlenija tagħhom hi li jġorru gruppi ffurmati abbażi ta' l-inizjattiva tal-klijent jew it-trasportatur innifsu; dawn is-servizzi ma jieqfux milli jkunu servizz okkażjonali sempliċiment għaliex jiġu pprovduti f' intervalli speċifikati".

   Servizzi regolari huma servizzi li jipprovdu għall-ġarr ta persuni b'vetturi għat-trasport tal-passiġġieri f' intervalli speċifikati f' rotti speċifikati, u l-passiġġieri jitilgħu u jinżlu f'postijiet ta' waqfien determinati minn qabel. Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, bla ħsara, fejn xieraq, għal riserva obbligatorja.

   Ix-xorta regolari tas-servizz m'ghandha tkun effettwata bl-ebda aġġustament għall-kondizzjonijiet ta' l-operat tas-servizz.

   Is-servizzi, organizzati minn kull persuna, li jipprovdu għall-ġarr ta' kategoriji speċifikati ta' persuni u li jeskludu Passiġġieri oħrajn sa fejn dawn is-servizzi huma operati taħt il-kundizzjonijiet ta' servizz regolari, jitqiesu bħala servizzi regolari. Dawn is-servizzi jissejħu 'servizzi regolari speċjali'.

   Servizzi regolari speċjali jinkludu:

   (i) Il-ġarr tal-passiġġieri bejn id-dar u x-xogħol;

   (ii) Il-ġarr sa u mill-istituzzjoni edukattiva għat-tfal ta' l-iskola u studenti;

   (iii) Il-ġarr tas-suldati u l-familji tagħhom bejn l-Istat ta' oriġini tagħhom u ż-żona tal-kwartier tagħhom.

   Il-fatt li servizz regolari speċjali jista' jiġi varjat skond il-ħtiġiet ta' l-utenti ma jolqotx il-klassifika tiegħu bħala servizz regolari speċjali.

3. Il-formola tal-vjaġġ għandha tkun valida għat-tul tal-vjaġġ kollu.

4. Il-Liċenza Komunitarja u l-formola tal-vjaġġ jintitolaw lill-persuna li twettaq:

   (a) servizzi internazzjonali okkażjonali b' vetturi tat-trasport tal-passiġġieri bejn Malta u Stat Membru wieħed jew aktar.

   (b) servizzi okkażjonali b'kabotaġġ fi Stat Membru, jew f' Malta jekk hu mhux residenti f' Malta.

5. Il-formola tal-vjaġġ għandha timtela duplikatament, jew mit-trasportatur jew mix-xufier għal kull vjaġġ qabel it-tluq. Għandha tkun valida għall-vjaġġ kollu. Il-kopja ta' fuq tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-vettura għall-vjaġġ kollu li tirreferi għalih. Il-kopja tal-formola tal-vjaġġ tinżamm fl-intrapriża. Ix-xufier għandu jżomm l-oriġinali abbord il-vettura matul il-vjaġġ kollu u jippreżentaha meta jintalab minn uffiċjali ta' l-infurzar.

6. Ix-xufier għandu jrodd il-formola tal-vjaġġ lill-intrapriża li kkonsenjatha fit-tmiem tal-vjaġġ in kwistjoni. It-trasportatur hu responsabbli li jżomm id-dokumenti. Għandhom jimtlew b' mod leġibbli u li ma jitħassarx.

B. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SERVIZZI INTERNAZZJONALI OKKAŻJONALI

1. Ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jirrekjedu li l-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji komparabbli ma' servizzi regolari eżistenti u li jservu l-istess klijentela bħal din ta' l-aħħar ma jirrikjedux awtorizzazzjoni.

2. It-trasportaturi jistgħu jwettqu eskursjonijiet lokali fi Stat Membru, jew f' Malta jekk mhumiex residenti f' Malta, fil-każ ta' servizzi internazzjonali okkażjonali. Dawn l-eskursjonijiet lokali huma maħsuba esklussivament għal passiġġieri li mhumiex residenti f' Malta fil-kuntest ta' servizz internazzjonali okkażjonali. Għandhom jiġu ttrasportati qabel fl-istess vettura jew vettura li tappartjeni għall-istess trasportatur jew grupp ta' trasportaturi.

3. Fil-każ ta' eskursjonijiet lokali, il-formola tal-vjaġġ għandha timtela qabel it-tluq tal-vettura fl-eskursjoni in kwistjoni.

4. Fil-każ ta' servizz internazzjonali okkażjonali operat minn grupp ta' trasportaturi li jaġixxu għall-istess klijent u possibilment fejn il-passiġġiera jagħmlu konnessjoni matul ir-rotta ma' trasportatur ta' l-istess grupp, l-oriġinal tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fuq il-vettura li qed twettaq is-servizz. Kopja tal-formola tal-vjaġġ għandha tinżamm fil-bażi ta' kull trasportatur involut.

C. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL SERVIZZI OKKAŻJONALI B'KABOTAGG

1. Servizzi okkażjonali b'kabotagg hums soġġetti għal-liġijiet, regolamenti u miżuri amministrativi fis-seħħ f' Malta fil-kampjijiet li ġejjin:

   a) ir-rati u l-kundizzjonijiet li jiggvernaw il-kuntratt tat-trasport;

   b) piżijiet u dimenzjonijiet ta' vetturi tat-triq għandhom jissoddisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Piżijiet, Tgħammir u Dimensjonijiet tal-Vetturi bil-Mutur;

   c) rekwiżiti dwar il-ġarr ta' xi kategoriji ta' persuni, bħal tfal ta' l-iskola, tfal u persuna neqsin mill-mobilita';

   d) ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ;

   e) VAT (Taxxa dwar il-Valur Miżjud) fuq is-servizzi tat-trasport.

2. Il-livelli tekniċi għall-binja u t-tgħammir li għandhom jilħqu l-vetturi użati għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jilħqu dawk kollha stabbiliti għal vetturi li jiċċirkolaw fit-trasport internazzjonali.

3. Fil-każ ta' servizz okkażjonali b'kabotaġġ, il-formoli tal-vjaġġ għandhom jintraddu mit-trasportatur lill-Awtorita' skond proċeduri li għanhda tistabbilixxi.

4. F' każ ta' servizz speċjali regolari b'kabotaġġ, il-formoli tal-vjaġġ għandhom jimtlew fil-forma ta' rendikont ta' kull xahar, u jintraddu mit-trasportatur lill-Awtorita' skond proċeduri li għanhda tistabbilixxi

IT-TMIEN SKEDA

(Regolament 91)

ĊERTIFIKATI GĦAL SERVIZZI TA' TRASPORT FUQ KONT PERSONALI

MALTA Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta

M

ĊERTIFIKAT

Maħruġ għal operazzjonijiet fuq kont personali bil-vettura għall-ġarr ta passiġġieri bejn Stati Membri u Malta

(Parti għall-persuna jew enti li twettaq l-operazzjonijiet ta' trasport fuq kont personali)

Il-persuna hawn taħt iffirmata, ...

responsabbli għall-impriża, korp mingħajr profitt jew oħrajn (iddeskrivi)

……

……

……

……

……
(Kunjom u isem jew isem uffiċjali u indirizz sħiħ)

tattesta li:

- is-servizzi tat-trasport provduti huma mingħajr profitt u mhumiex kummerċjali
- it-trasport huwa biss attivita' anċillari għall-persuna jew entita'
- il-vettura għall-ġarr ta passiġġieri bir-reġistrazzjoni nru ..... hija l-proprjeta' tal-persuna jew enti jew ġiet akkwistata minnhom fuq pattijiet differiti, jew kienet is-suġġett ta' kuntratt ta' lokazzjoni fit-tul,
- il-vettura għall-ġarr ta passiġġieri tinsaq minn impjegat tal-persuna jew enti hawn taħt iffirmata jew mill-persuna hawn taħt iffirmata stess.

……..

……..

……..
(Firma tal-persuna jew rappreżentatni ta' l-entita')

(Parti għall-Awtorita')

Dan jikostitwixxi ċertifikat ai termini ta' regolament 91 tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

....
(Terminu ta' validita') (Post u data tal-ħruġ)

…..……
(Firma u timbru ta' l-Awtorita')

(It-tieni paġna taċ-ċertifikat)

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jgħid li "operazzjonijiet ta' trasport fuq kont personali" tfisser dawk l-operazzjonijiet ta' trasport tal-passiġġieri mwettqa għal għanijiet mhux kummerċjali u mingħajr profit minn persuna naturali jew legali, sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin huma soddisfatti:

    - l-attivita' tat-trasport hija biss anċillari għall-attivitajiet tal-intrapriża; u
    - il-vetturi użati huma l-proprjeta' ta' dik il-persuna naturali jew legali jew ġew akkwistati fuq termini differiti jew kienu s-suġġett ta' kuntratt ta' lokazzjoni fit-tul u jiġu jinstaqu minn impjegat tal-persuna naturali jew legali jew mill-persuna naturali nnifisha;

2. It-trasportaturi fuq kont personali ghandhom liċenza biex iwettqu dan it-tip ta' operazzjoni tat-trasport mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalita' jew post fejn huma stabbiliti jekk dawn:

    - Huma awtorizzati fl-Istat fejn huma stabbiliti li jwettqu trasport bil-vettura ghall-garr ta' passiggieri bil-kundizzjonijiet dwar aċċess għas-suq imwaqqfa fil-liġi nazzjonali;
    - Jilħqu r-rekwiżiti dwar sigurta' tat-toroq dwar l-istandardi għax-xufiera u l-vetturi.

3. L-"operazzjonijiet ta' trasport fuq kont personali" msemmija fil-punt 1 huma eżenti ,mill-bżonn ta' awtorizzazzjoni iżda huma soġġetti għal sistema ta' ċertifikati.

4. Iċ-ċertifikat jintitola lill-persuna twettaq operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali b'vettura ghal-ġarr ta' passiġġieri fuq kont personali. Dan jinħareġ mill-Awtorita' kompetenti ta' l-Istat MEmbru fejn hija rreġistrata l-vettura u huwa validu għall-vjaġ kollu, inklużi vjaġġi ta' transitu.

5. Il-partijiet rilevanti ta' dan iċ-ċertifikat għandhom jimtlew b' ittri li ma jitħassrux, ghal tliet darbiet, mill-persuna jew rappreżentant ta' l-enti li tkun qed twettaq l-operazzjoni. Għandha tinżamm kopja mill-amministrazzjoni u kopja mill-persuna jew enti. Ix-xufier għandu jżomm l-oriġinali jew kopja vera attestata fuq il-vettura għall-vjaġġ internazzjonali sħiħ. Għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet inforzanti meta hekk tintalab. Il-persuna jew enti, kif xieraq, hija responsabbli li żżomm iċ-ċertifikati.

6. Iċ-ċertifikat huwa validu għal mhux aktar minn ħames snin.

ID-DISA' SKEDA
PENALITAJIET AMMINISTRATTIVI

Kolonna 1 **Regolament**	**Kolonna 2** **Penalitajiet amministrattivi għall-operaturi**	**Kolonna 3** **Penalitajiet amministrattivi għax-xufiera**
8(2)	€50	
12	€100	
14(1)	€50 kuljum	
22(3),(5),		€50
23(1)		€50
25	€250	
27(2)	€50	
27(3)	€500	
32	€50	
34	€50	
35(2)	€100	
35(3)		€50
36(2)	€100	
37(1)	€1,000	
38	€50 flimkien ma' €50 kuljum	
41		€100
42		€500
43		€50
44		€50
45		€100
46		€100
47		€500
48		€50
49		€100
51		€50
52(1)		€10
53		€10
54		€100
55		€100
56	€150	
57 (1), (2)	€150	
57 (3), (4)		€150
58		€25
59		€100
60		€100
61	€100	
62	€100	
63	€250	
64 (1),(2),(3)		€100
65		€100
66		€100
67		€100
68		€100
69(1) a, b, c, e		€500
69(1)d	€500 flimkien ma' €50 kuljum	
69(2)(3)	€500	€500
72,72,74,75,76,77,78	€350	€350
107(6)	€150 għall-ewwel ksur u €1000 għal ksur sussegwenti	€150 għall-ewwel ksur u €1000 għall-ksur sussegwenti

L-GĦAXAR SKEDA
DRITTIJIET

Parti 1
Applikazzjoni għal Liċenza ta' Operatur - Regolament 7(4)

(i)	Dritt għall-applikazzjoni	€125
(ii)	Dritt għall-verifikazzjoni	€50
(iii)	Tibdil fil-liċenza	€25
(iv)	Ħruġ mill-ġdid ta' Liċenza mitlufa	€50

Parti 2
Applikazzjoni għall-Permess ta' Xufier - Regolament 20

(i) Dritt għall-applikazzjoni kif preskritt fir-Regolamenti għall-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan) (L.S. 65.18)
(ii) Dritt għat-tiġdid kif preskritt fir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi għas-Sewqan) (L.S. 65.18)

Parti 3
Sostituzzjoni tat-*Tag* ta' Xufier - Regolament 22 (4)

(i) Ħruġ ta' *Tag* (valida għall-ħames snin) kif preskritt fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11)
(ii) Sostituzzjoni ta' *Tag* mitlufa kif preskritt fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11)

Parti 4
Applikazzjoni għal Liċenza ta' Vettura għall-Ġarr tal-Passiġġieri - Regolament 27

1. Dritt ta' l-applikazzjoni għal Liċenza ta' Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri €25
2. Dritt tad-Dħul li jrid jitħallas f'każijiet applikabbli:

Kolonna A	**Kolonna B**
Numru ta' sedili għall-passiġġieri kif jidher fiċ-ċertifikat tal-fabbrikant tal-vettura partikolari għall-ġarr ta' passiġġieri	Dritt tad-Dħul (€)
11	11,000
12	11892
13	12753
14	13608
15	14430
16	15248
17	16031
18	16812
19	17556
20	18300
21	19005
22	19712
23	20378
24	21048
25	21675
26	22308
27	22896
28	23492
29	24041
30	24600
31	25110
32	25632
33	26103
34	26588
35	27020
36	27468
37	27861
38	28272
39	28626
40	29000
41	29315
42	29652
43	29928
44	30228
45	30465
46	30728
47	30926
48	31152
49	31311
50	31500
51	31620
52	31772
53 u aktar	31800

B'dan illi il-vannijiet bit-*tail-lift* ikunu eżentati mid-Dritt tad-Dħul minkejja n-numru ta' sedili tal-passiġġieri.

B'dan illi il-*coaches* illi huma vettura ġdida bil-mutur huma eżentati mid-Dritt tad-Dħul.

3.	Dritt għat-tiġdid tal-Liċenza tal-Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri	€25 għal kull vettura għall-ġarr ta' passiġġieri

IL-ĦDAX-IL SKEDA
SINJAL DWAR IT-TFAL TA' L-ISKOLA